II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 811/2013

tat-18 ta' Frar 2013

li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar l-indikazzjoni permezz ta' ttikkettar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra minn prodotti marbutin mal-enerġija [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2010/30/UE teżiġi li l-Kummissjoni tadotta atti ddelegati dwar it-tikkettar tal-prodotti marbutin mal-enerġija li għandhom potenzjal sostanzjali għall-iffrankar fl-enerġija iżda li juru differenzi kbar fil-livelli tal-prestazzjoni b'funzjonalità ekwivalenti.

(2) L-enerġija kkunsmata mill-ħiters tal-post u mill-ħiters ikkombinati li jkunu qed isaħħnu l-post u jsaħħnu l-ilma tammonta għal parti sinifikanti mid-domanda totali għall-enerġija fl-Unjoni. Il-ħiters tal-post u l-ħiters ikkombinati b'funzjonalità ekwivalenti juru differenzi kbar f'termini tal-effiċjenza enerġetika. Hemm lok għal tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija tagħhom, li jinkludi l-ikkombinar tagħhom ma' regolatur tat-temperatura xieraq u ma' apparat solari xieraq. Għalhekk, il-ħiters tal-post, il-ħiters ikkombinati u l-pakketti magħmulin mit-tali ħiters ikkombinati ma' regolaturi tat-temperatura u apparat solari għandhom ikunu koperti minn rekwiżiti għat-tikkettar enerġetiku.

(3) Il-ħiters tal-post u l-ħiters ikkombinati li huma ddisinjati biex jużaw il-fjuwils gassużi jew il-fjuwils likwidi li huma prodotti l-iktar mill-bijomassa (iktar minn 50 % minnhom) għandhom karatteristiċi tekniċi speċifiċi li jeħtieġu iktar analiżi teknika, ekonomika u ambjentali. Ir-rekwiżiti għat-tikkettar enerġetiku għal dawk il-ħiters għandhom jiġu stabbiliti fi stadju iktar tard, jekk dan ikun xieraq, skont x'jirriżulta mill-analiżi.

(4) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet armonizzati dwar it-tikkettar u t-tagħrif standard dwar il-prodotti b'rabta ma-effiċjenza enerġetika tal-ħiters tal-post u tal-ħiters ikkombinati sabiex il-manifatturi jkollhom inċentiv itejbu l-effiċjenza enerġetika ta' dawn il-ħiters, sabiex l-utenti aħħarin jitħeġġu jixtru prodotti li jkunu effiċjenti fl-enerġija u sabiex jingħata kontribut għall-funzjonament tas-suq intern.

(5) F'dak li għandu x'jaqsam mal-iffrankar sinifikanti tal-enerġija u tal-kostijiet għal kull tip ta' ħiter, dan ir-Regolament għandu jintroduċi skala ġdida għat-tikkettar, li tmur minn A^{++} sa G, għall-funzjoni tat-tisħin tal-post tal-ħiters tal-post b'bojler, tal-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni, tal-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana, tal-ħiters ikkombinati b'bojler u tal-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana. Filwaqt li l-klassijiet minn A sa G ikopru d-diversi tipi ta' bojlers konvenzjonali meta dawn ma jkunux ikkombinati mat-teknoloġiji tal-koġenerazzjoni jew tal-enerġija rinnovabbli, il-klassijiet A^{+} u A^{++} għandhom jippromwovu l-użu tal-koġenerazzjoni u tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

(6) Barra minn hekk, għandha tiddaħħal skala ġdida għat-tikkettar, li tmur minn A sa G, għall-funzjoni tat-tisħin tal-ilma tal-ħiters ikkombinati b'bojler u tal-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, skont ir-Regolament iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-mishun u pakketti magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari [2].

[1] ĠU L 153, 18.6.2010, p. 1.

[2] Ara paġna 83 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(7) Erba' snin wara għandhom jiddaħħlu żewġ klassijiet oħra, msejħin il-klassi A^{+++} u A^{+}, mal-klassijiet għat-tisħin tal-post staġonali u għat-tisħin tal-ilma rispettivament, sakemm ir-reviżjoni tar-Regolament ma turix mod ieħor, sabiex titħaffef il-penetrazzjoni fis-suq ta' ħiters tal-post li jkunu effiċjenti ħafna u ta' ħiters ikkombinati li jużaw is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

(8) Dan ir-Regolament għandu jiżgura li l-konsumaturi jiksbu tagħrif komparattiv aktar eżatt dwar il-prestazzjoni tal-ħiters b'pompa tas-sħana, ibbażat fuq metodu għall-kejl u għall-kalkolu tal-effiċjenza staġonali għal tliet żoni klimatiċi Ewropej. Il-Kummissjoni qabbdet lill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni jinvestigaw jekk għandux jiġi żviluppat metodu simili għall-ħiters l-oħra wkoll. L-istaġuni standardizzati tat-tisħin fl-Ewropa għall-ħiters b'bojler, għall-ħiters b'koġenerazzjoni u għall-ħiters solari jistgħu jitqiesu fir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament.

(9) Il-livell ta' qawwa tal-ħoss ta' ħiter jista' jkun fattur importanti li jqisu l-utenti aħħarin. It-tagħrif dwar il-livelli tal-qawwa tal-ħoss għandu jiġi inkluż fuq it-tikketti tal-ħiters tal-post u tal-ħiters ikkombinati.

(10) L-effett ikkombinat ta' dan ir-Regolament u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 813/2013 tat-2 ta' Awwissu 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati [1] huwa mistenni jwassal għal iffrankar stmat tal-enerġija ta' madwar 1 900 PJ (madwar 45 Mtoe) fis-sena sal-2020, li jikkorrispondi għal emissjonijiet ta' madwar 110 miljun tunnellata ta' CO_2, meta mqabbel ma' dak li jiġri kieku ma tittieħed l-ebda miżura.

(11) It-tagħrif mogħti fuq it-tikketta għandu jinkiseb permezz ta' proċeduri tal-kejl u tal-kalkolu li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, u li jqisu l-metodi tal-kejl u tal-kalkolu l-aktar avvanzati rrikonoxxuti, inklużi, fejn ikunu disponibbli, standards armonizzati adottati mill-korpi Ewropej tal-istandardizzazzjoni fuq talba tal-Kummissjoni, skont il-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni [2], sabiex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-ekodisinn.

(12) Dan ir-Regolament għandu jispeċifika disinn u kontenut uniformi għat-tikketti tal-prodotti għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati.

(13) Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti għall-iskeda tat-tagħrif tal-prodott u d-dokumentazzjoni teknika għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati.

(14) Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jispeċifika r-rekwiżiti għat-tagħrif li għandu jingħata f'kull forma ta' bejgħ mill-bogħod ta' ħiters tal-post u ta' ħiters ikkombinati u fi kwalunkwe riklam u materjal tekniku ta' promozzjoni dwarhom.

(15) Minbarra t-tikketti tal-prodott u l-iskedi tat-tagħrif tal-prodott għall-ħiters tal-post u għall-ħiters ikkombinati indipendenti stabbiliti f'dan ir-Regolament, tikketti tal-pakkett u skedi tat-tagħrif tal-pakkett, ibbażati fuq l-iskedi tat-tagħrif tal-prodotti mogħtija mill-fornituri, għandhom jiżguraw li l-utent aħħari jkollu aċċess faċli għat-tagħrif dwar il-prestazzjoni enerġetika tal-pakketti ta' ħiters ikkombinati ma' apparat solari u/jew ma' regolatur tat-temperatura. It-tali pakketti jistgħu jilħqu l-klassi tal-ikbar effiċjenza enerġetika, jiġifieri l-klassi A^{+++}.

(16) Huwa xieraq li jsir provvediment għal reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li tqis il-progress teknoloġiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-tikkettar enerġetiku u l-forniment ta' tagħrif addizzjonali dwar il-prodotti għall-ħiters tal-post u l-ħiters ikkombinati li jkollhom potenza termika nominali ta' 70 kW jew inqas, għall-pakketti li jkun fihom ħiter tal-post ta' 70 kW jew inqas, regolatur tat-temperatura u apparat solari, u għall-pakketti li jkun fihom ħiter ikkombinat ta' 70 kW jew inqas, regolatur tat-temperatura u apparat solari.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika:

(a) għall-ħiters iddisinjati b'mod speċifiku biex jużaw il-fjuwils gassużi jew il-fjuwils likwidi li huma prodotti l-iktar mill-bijomassa;

(b) għall-ħiters li jużaw il-fjuwils solidi;

(c) għall-ħiters li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3];

(d) għall-ħiters li jipproduċu s-sħana biss biex jipprovdu ilma għax-xorb u sanitarju sħun;

(e) għall-ħiters użati għat-tisħin u d-distribuzzjoni ta' mezzi gassużi għat-trasferiment tas-sħana bħal pereżempju l-fwar jew l-arja;

(f) għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni li jkollhom kapaċità elettrika massima ta' 50 kW jew iktar.

[1] Ara paġna 136 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37.
[3] ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/30/KE, għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ħiter" tfisser ħiter tal-post jew ħiter ikkombinat;

(2) "ħiter tal-post" tfisser apparat:

(a) li jipprovdi s-sħana lil sistema ta' tisħin ċentrali bl-ilma sabiex tintlaħaq u tinżamm temperatura ta' ġewwa fil-livell mixtieq f'post magħluq bħal bini, abitazzjoni jew kamra, u

(b) li jkun mgħammar b'ġeneratur wieħed jew aktar tas-sħana;

(3) "ħiter ikkombinat" tfisser ħiter tal-post li jkun iddisinjat b'mod li jipprovdi wkoll is-sħana sabiex iwassal ilma għax-xorb jew sanitarju sħun b'temperaturi, kwantitajiet u rati tal-fluss speċifiċi waqt intervalli speċifiċi u li jkun imqabbad ma' provvista esterna ta' ilma sanitarju jew għax-xorb;

(4) "sistema ta' tisħin ċentrali bl-ilma" tfisser sistema li tuża l-ilma bħala mezz għat-trasferiment tas-sħana sabiex is-sħana prodotta ċentralment tiġi ddistribwita lill-emitturi tas-sħana għat-tisħin tal-post tal-bini jew ta' partijiet minnu;

(5) "ġeneratur tas-sħana" tfisser il-parti ta' ħiter li tipproduċi s-sħana billi tuża proċess wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) il-kombustjoni tal-fjuwils fossili u/jew tal-fjuwils tal-bijomassa;

(b) l-użu tal-effett "Joule" fl-elementi tat-tisħin permezz ta' reżistenza elettrika;

(c) il-qbid tas-sħana ambjentali minn sors tal-arja, sors tal-ilma jew sors tal-art, u/jew tas-sħana sekondarja;

(6) "potenza termika nominali" (*Prated*) tfisser il-potenza termika ddikjarata ta' ħiter meta dan ikun qed isaħħan post u, jekk ikun applikabbli, meta dan ikun qed isaħħan l-ilma bil-kundizzjonijiet nominali standard, mogħtija f'kW; għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u l-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, il-kundizzjonijiet nominali standard biex tiġi stabbilita l-potenza termika nominali huma l-kundizzjonijiet ta' referenza tad-disinn kif inhuma stabbiliti fit-Tabella 10 tal-Anness VII;

(7) "kundizzjonijiet nominali standard" tfisser il-kundizzjonijiet operattivi tal-ħiters f'kundizzjonijiet klimatiċi medji sabiex jiġu stabbiliti l-potenza termika nominali, l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma u l-livell ta' qawwa tal-ħoss;

(8) "bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli tal-prodotti, l-iskart u r-residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikultura (inklużi s-sustanzi veġetali u tal-annimali), mill-forestrija u minn industriji oħrajn relatati, inkluż mis-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli tal-iskart industrijali u dak muniċipali;

(9) "fjuwil tal-bijomassa" tfisser fjuwil gassuż jew fjuwil likwidu prodott mill-bijomassa;

(10) "fjuwil fossili" tfisser fjuwil gassuż jew fjuwil likwidu ta' oriġini fossili;

(11) "ħiter tal-post b'koġenerazzjoni" tfisser ħiter tal-post li jipproduċi s-sħana u l-elettriku fl-istess ħin permezz ta' proċess wieħed;

(12) "regolatur tat-temperatura" tfisser l-apparat li jservi ta' interfaċċja mal-utent aħħari b'rabta mal-valuri u l-iskeda taż-żmien tat-temperatura mixtieqa ta' ġewwa u li jikkomunika d-dejta rilevanti lil interfaċċja tal-ħiter bħall-proċessur ċentrali, biex b'hekk tkun tista' tiġi rregolata t-temperatura ta' ġewwa;

(13) "apparat solari" tfisser sistema esklużivament solari, kollettur solari, tank tal-miżħun solari jew pompa fis-sistema ċirkolari tal-kollettur, li jitqegħdu fis-suq b'mod separat;

(14) "sistema esklużivament solari" tfisser apparat li huwa mgħammar b'kollettur solari wieħed jew aktar u b'tankijiet tal-miżħun solari u forsi wkoll b'pompi fis-sistema ċirkolari tal-kollettur u elementi oħrajn li titqiegħed fis-suq bħala unità waħda u ma tkun mgħammra bl-ebda ġeneratur tas-sħana, ħlief forsi għal xi ħiter sommerġibbli ta' riżerva wieħed jew aktar;

(15) "kollettur solari" tfisser apparat iddisinjat biex jassorbi l-irradjanza solari globali u biex jittrasferixxi l-enerġija termika prodotta b'dan il-mod għal ġo fluwidu li jkun għaddej minnu;

(16) "tank tal-miżħun" tfisser kontenitur li fih jinħażen il-miżħun għall-finijiet tat-tisħin tal-ilma u/jew tat-tisħin tal-post, inkluż kwalunkwe addittiv, li ma jkun mgħammar bl-ebda ġeneratur tas-sħana, ħlief forsi għal xi ħiter sommerġibbli ta' riżerva wieħed jew aktar

(17) "tank tal-miżħun solari" tfisser tank tal-miżħun li jaħżen l-enerġija termika prodotta minn kollettur solari wieħed jew aktar;

(18) "ħiter sommerġibbli ta' riżerva" tfisser ħiter bir-reżistenza elettrika li jkollu l-effett "Joule" li jifforma parti minn tank tal-miżħun u li jipproduċi s-sħana biss meta s-sors tas-sħana estern ma jkunx qed jaħdem (inkluż matul il-perjodi ta' manutenzjoni) jew meta dan ikun bil-ħsara, jew li jifforma parti minn tank tal-miżħun solari u li jkun jipprovdi s-sħana meta s-sors tas-sħana solari ma jkunx biżżejjed biex jissodisfa l-livelli ta' kumdità meħtieġa;

(19) "pakkett magħmul minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari" tfisser pakkett offrut lill-utent aħħari li jkun fih ħiter wieħed jew aktar tal-post ikkombinat ma' regolatur tat-temperatura wieħed jew aktar u/jew ma' apparat solari wieħed jew aktar;

(20) "pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari" tfisser pakkett offrut lill-utent aħħari li jkun fih ħiter ikkombinat wieħed jew aktar ikkombinat ma' regolatur tat-temperatura wieħed jew aktar u/jew ma' apparat solari wieħed jew aktar;

(21) "l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post" (η_s) tfisser il-proporzjon tad-domanda għat-tisħin tal-post għal staġun tat-tisħin speċifikat, li għaliha jintuża ħiter tal-post, ħiter ikkombinat, pakkett magħmul minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari jew pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari, meta mqabbla mal-konsum annwali tal-enerġija meħtieġ sabiex tiġi ssodisfata din id-domanda, mogħti bħala perċentwali;

(22) "l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma" (η_{wh}) tfisser il-proporzjon tal-enerġija utli fl-ilma għax-xorb jew sanitarju li l-ħiter ikkombinat jew il-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari jipprovdi meta mqabbla mal-enerġija meħtieġa għall-produzzjoni ta' dik l-enerġija, mogħti bħala perċentwali;

(23) "il-livell ta' qawwa tal-ħoss" (L_{WA}) tfisser il-livell ta' qawwa tal-ħoss ippeżat għall-frekwenza A, fuq ġewwa u/jew fuq barra, mogħti f'dB.

Fl-Anness I qed jingħataw iktar definizzjonijiet għall-għanijiet tal-Annessi II sa VIII.

Artikolu 3

Responsabbiltajiet tal-fornituri u skeda taż-żmien

1. Mis-26 ta' Settembru 2015, il-fornituri li jkunu qed iqegħdu fis-suq u/jew idaħħlu fis-servizz il-ħiters tal-post, inklużi dawk integrati f'pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, għandhom jiżguraw:

(a) li għal kull ħiter tal-post li jkun konformi mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness II tiġi pprovduta tikketta stampata li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness III, fejn: għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana, it-tikketta stampata tiġi pprovduta mill-inqas fuq il-pakkett tal-ġeneratur tas-sħana; u għall-ħiters tal-post maħsubin għall-użu f'pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari, għal kull ħiter tal-post tiġi pprovduta tikketta oħra li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness III;

(b) li tiġi pprovduta skeda tat-tagħrif tal-prodott, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness IV, għal kull ħiter tal-post, fejn: għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana, l-iskeda tat-tagħrif tal-prodott tiġi pprovduta tal-inqas għall-ġeneratur tas-sħana; u għall-ħiters tal-post maħsubin għall-użu f'pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari, tiġi pprovduta skeda oħra tat-tagħrif tal-prodott kif stabbilit fil-punt 5 tal-Anness IV;

(c) li d-dokumentazzjoni teknika, kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness V, tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni fuq talba tagħhom;

(d) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' ħiter tal-post u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(e) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' ħiter tal-post u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

Mis-26 ta' Settembru 2019, għal kull ħiter tal-post li jkun konformi mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness II għandha tiġi pprovduta tikketta stampata li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 1.2 tal-Anness III, fejn għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana, it-tikketta stampata għandha tiġi pprovduta mill-inqas fuq il-pakkett tal-ġeneratur tas-sħana.

2. Mis-26 ta' Settembru 2015, il-fornituri li jkunu qed iqiegħdu fis-suq u/jew idaħħlu fis-servizz il-ħiters ikkombinati, inklużi dawk integrati f'pakketti ta' ħiters ikkombinati, regolatur tat-temperatura u apparat solari, għandhom jiżguraw:

(a) li għal kull ħiter ikkombinat li jkun konformi mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Anness II tiġi pprovduta tikketta stampata li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 2.1 tal-Anness III, fejn: għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, it-tikketta stampata tiġi pprovduta mill-inqas fuq il-pakkett tal-ġeneratur tas-sħana; u għall-ħiters ikkombinati maħsubin għall-użu f'pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari, għal kull ħiter ikkombinat tiġi pprovduta tikketta oħra li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness III;

(b) li tiġi pprovduta skeda tat-tagħrif tal-prodott, kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness IV, għal kull ħiter ikkombinat, fejn: għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, l-iskeda tat-tagħrif tal-prodott tiġi pprovduta tal-inqas għall-ġeneratur tas-sħana; u għall-ħiters ikkombinati maħsubin għall-użu f'pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari, tiġi pprovduta skeda oħra tat-tagħrif tal-prodott kif stabbilit fil-punt 6 tal-Anness IV;

(c) li d-dokumentazzjoni teknika, kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness V, tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni fuq talba tagħhom;

(d) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' ħiter ikkombinat u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(e) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' ħiter ikkombinat u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

Mis-26 ta' Settembru 2019, għal kull ħiter ikkombinat li jkun konformi mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Anness II għandha tiġi pprovduta tikketta stampata li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 2.2 tal-Anness III, fejn għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, it-tikketta stampata għandha tiġi pprovduta mill-inqas fuq il-pakkett tal-ġeneratur tas-sħana.

3. Mis-26 ta' Settembru 2015, il-fornituri li jkunu qed iqegħdu fis-suq u/jew idaħħlu fis-servizz ir-regolaturi tat-temperatura għandhom jiżguraw:

(a) li tiġi pprovduta skeda tat-tagħrif tal-prodott, kif stabbilit fil-punt 3 tal-Anness IV;

(b) li d-dokumentazzjoni teknika, kif stabbilit fil-punt 3 tal-Anness V tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni fuq talba tagħhom.

4. Mis-26 ta' Settembru 2015, il-fornituri li jkunu qed iqegħdu fis-suq u/jew idaħħlu fis-servizz apparat solari għandhom jiżguraw:

(a) li tiġi pprovduta skeda tat-tagħrif tal-prodott, kif stabbilit fil-punt 4 tal-Anness IV;

(b) li d-dokumentazzjoni teknika, kif stabbilit fil-punt 4 tal-Anness V, tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni fuq talba tagħhom.

5. Mis-26 ta' Settembru 2015, il-fornituri li jkunu qed iqegħdu fis-suq u/jew idaħħlu fis-servizz pakketti ta' ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari għandhom jiżguraw:

(a) li għal kull pakkett magħmul minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari li jkun konformi mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness II tiġi pprovduta tikketta stampata li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness II;

(b) li tiġi pprovduta skeda tat-tagħrif tal-prodott, kif stabbilit fil-punt 5 tal-Anness IV, għal kull pakkett magħmul minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari;

(c) li d-dokumentazzjoni teknika, kif stabbilit fil-punt 5 tal-Anness V, tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni fuq talba tagħhom;

(d) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(e) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

6. Mis-26 ta' Settembru 2015, il-fornituri li jkunu qed iqegħdu fis-suq u/jew idaħħlu fis-servizz pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, għandhom jiżguraw:

(a) li għal kull pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari li jkun konformi mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u mal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Anness II tiġi pprovduta tikketta stampata li tkun konformi mal-format u l-kontenut tat-tagħrif stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness III;

(b) li tiġi pprovduta skeda tat-tagħrif tal-prodott, kif stabbilit fil-punt 6 tal-Anness IV, għal kull pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari;

(c) li d-dokumentazzjoni teknika, kif stabbilit fil-punt 6 tal-Anness V, tiġi pprovduta lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni fuq talba tagħhom;

(d) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(e) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

Artikolu 4

Responsabbiltajiet tal-bejjiegħa

1. Il-bejjiegħa tal-ħiters tal-post għandhom jiżguraw:

(a) li, fil-punt tal-bejgħ, kull ħiter tal-post ikollu fuqu t-tikketta pprovduta mill-fornituri skont l-Artikolu 3(1), kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness III, fuq in-naħa ta' barra fuq quddiem tal-apparat, b'tali mod li din tkun tidher b'mod ċar;

(b) li l-ħiters tal-post offruti għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs ikunu kkummerċjalizzati bit-tagħrif ipprovdut mill-fornituri skont il-punt 1 tal-Anness VI f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax jiġi mistenni jara l-ħiter tal-post għall-wiri;

(c) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' ħiter tal-post u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(d) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' ħiter tal-post u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

2. Il-bejjiegħa tal-ħiters ikkombinati għandhom jiżguraw:

(a) li, fil-punt tal-bejgħ, kull ħiter ikkombinat ikollu fuqu t-tikketta pprovduta mill-fornituri skont l-Artikolu 3(2), kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness III, fuq in-naħa ta' barra fuq quddiem tal-apparat, b'tali mod li din tkun tidher b'mod ċar;

(b) li l-ħiters ikkombinati offruti għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs ikunu kkummerċjalizzati bit-tagħrif ipprovdut mill-fornituri skont il-punt 2 tal-Anness VI f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax jiġi mistenni jara l-ħiter ikkombinat għall-wiri;

(c) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' ħiter ikkombinat u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(d) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' ħiter ikkombinat u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

3. Il-bejjiegħa ta' pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari għandhom jiżguraw, abbażi tat-tikketta u tal-iskedi tat-tagħrif ipprovduti mill-fornituri skont l-Artikolu 3(1), (3), (4) u (5):

(a) li kull offerta ta' pakkett speċifiku tkun tinkludi l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post għal dak il-pakkett fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji jew iksaħ jew isħan, skont kif ikun applikabbli, billi juru, flimkien mal-pakkett, it-tikketta mogħtija fil-punt 3 tal-Anness III u billi jipprovdu l-iskeda tat-tagħrif mogħtija fil-punt 5 tal-Anness IV, mimlija kif xieraq skont il-karatteristiċi ta' dak il-pakkett;

(b) li l-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari offruti għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs ikunu kkummerċjalizzati bit-tagħrif ipprovdut skont il-punt 3 tal-Anness VI f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax jiġi mistenni jara l-pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għall-wiri;

(c) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(d) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

4. Il-bejjiegħa ta' pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari għandhom jiżguraw, abbażi tat-tikketta u tal-iskedi tat-tagħrif ipprovduti mill-fornituri skont l-Artikolu 3(2), (3), (4) u (6):

(a) li kull offerta ta' pakkett speċifiku magħmul minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari tkun tinkludi l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma, il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma għal dak il-pakkett fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji jew iksaħ jew isħan, skont kif ikun applikabbli, billi juru, flimkien mal-pakkett, it-tikketta mogħtija fil-punt 4 tal-Anness III u billi jipprovdu l-iskeda tat-tagħrif mogħtija fil-punt 6 tal-Anness IV, mimlija kif xieraq skont il-karatteristiċi ta' dak il-pakkett.

(b) li l-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari offruti għall-bejgħ, għall-kiri jew għax-xiri bin-nifs ikunu kkummerċjalizzati bit-tagħrif ipprovdut skont il-punt 4 tal-Anness VI f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax jiġi mistenni jara l-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għall-wiri;

(c) li kwalunkwe riklam li jkollu x'jaqsam ma' mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari u li jkun fih tagħrif dwar il-prezz jew tagħrif li għandu x'jaqsam mal-enerġija jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell;

(d) li kwalunkwe materjal tekniku ta' promozzjoni li jikkonċerna mudell speċifiku ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari u li jkun fih deskrizzjoni tal-parametri tekniċi speċifiċi tiegħu jkun jinkludi referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji għal dak il-mudell.

Artikolu 5

Metodi tal-kejl u ta' kkalkular

It-tagħrif li għandu jingħata skont l-Artikoli 3 u 4 għandu jinkiseb permezz ta' metodi tal-kejl u tal-kalkolu li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi tal-kejl u tal-kalkolu l-aktar avvanzati rrikonoxxuti, kif stipulat fl-Anness VII.

Artikolu 6

Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq

L-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura stabbilita fl-Anness VIII meta jkunu qed jivvalutaw il-konformità tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma, tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, tal-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma u tal-livell ta' qawwa tal-ħoss tal-ħiters iddikjarati.

Artikolu 7

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament fid-dawl tal-progress teknoloġiku sa mhux aktar tard minn ħames snin wara li jkun daħal fis-seħħ. Ir-reviżjoni għandha tivvaluta, b'mod partikulari, kwalunkwe bidla sinifikanti fl-ishma tas-suq taddiversi tipi ta' ħiters li jkollhom x'jaqsmu mat-tikketti stabbiliti fil-punti 1.2 u 2.2 tal-Anness III, il-fattibbiltà u l-utilità tal-indikazzjoni tal-effiċjenza tal-ħiters, minbarra dik tal-pompi tassħana, abbażi ta' staġuni standardizzati tat-tisħin, u l-adegwatezza tal-iskedi tat-tagħrif u tat-tikketti tal-pakkett stabbiliti fil-punti 3 u 4 tal-Anness III u fil-punti 5 u 6 tal-Anness IV, u kemm ikun xieraq li tinkludi l-apparat għall-irkupru passiv tassħana mill-kombustjoni fl-ambitu tar-Regolament.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

Definizzjonijiet li japplikaw għall-Annessi II sa VIII

Għall-għanijiet tal-Annessi II sa VIII, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Definizzjonijiet marbutin mal-ħiters:

(1) "ħiter tal-post b'bojler", li qed jissejjaħ "bojler" għall-għanijiet tal-Figuri 1 sa 4 fl-Anness IV, tfisser ħiter tal-post li jipproduċi s-sħana billi juża l-proċess ta' kombustjoni tal-fjuwils fossili u/jew tal-fjuwils tal-bijomassa u/jew billi juża l-effett "Joule" fl-elementi tat-tisħin permezz ta' reżistenza elettrika;

(2) "ħiter ikkombinat b'bojler", li qed jissejjaħ "bojler" għall-għanijiet tal-Figuri 1 sa 4 fl-Anness IV, tfisser ħiter tal-post b'bojler li jkun iddisinjat b'mod li jipprovdi wkoll is-sħana sabiex iwassal ilma għax-xorb jew sanitarju sħun b'temperaturi, kwantitajiet u rati tal-fluss speċifiċi waqt intervalli speċifiċi u li jkun imqabbad ma' provvista esterna ta' ilma sanitarju jew għax-xorb;

(3) "ħiter tal-post b'pompa tas-sħana", li qed jissejjaħ "pompa tas-sħana" għall-għanijiet tal-Figuri 1 u 3 fl-Anness IV, tfisser ħiter tal-post li juża s-sħana ambjentali li tkun ġejja minn sors tal-arja, sors tal-ilma jew sors tal-art, u/jew is-sħana sekondarja biex jipproduċi s-sħana; ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jista' jkun mgħammar b'ħiter supplimentari wieħed jew iktar li juża l-effett "Joule" fl-elementi tat-tisħin permezz ta' reżistenza elettrika jew il-proċess ta' kombustjoni tal-fjuwils fossili u/jew tal-fjuwils tal-bijomassa;

(4) "ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana", li qed jissejjaħ "pompa tas-sħana" għall-għanijiet tal-Figuri 1 u 3 fl-Anness IV, tfisser ħiter tal-post b'pompa tas-sħana li jkun iddisinjat b'mod li jipprovdi wkoll is-sħana sabiex iwassal ilma għax-xorb jew sanitarju sħun b'temperaturi, kwantitajiet u rati tal-fluss speċifiċi waqt intervalli speċifiċi u li jkun imqabbad ma' provvista esterna ta' ilma sanitarju jew għax-xorb;

(5) "ħiter supplimentari" tfisser ħiter mhux preferenzjali li jipproduċi s-sħana f'każijiet fejn id-domanda għat-tisħin tkun ikbar mill-potenza termika nominali tal-ħiter preferenzjali;

(6) "potenza termika nominali tal-ħiter supplimentari" (*Psup*) tfisser il-potenza termika ddikjarata ta' ħiter supplimentari meta dan ikun qed isaħħan post u, jekk ikun applikabbli, meta dan ikun qed isaħħan l-ilma bil-kundizzjonijiet nominali standard, mogħtija f'kW; jekk il-ħiter supplimentari jkun ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana, il-kundizzjoni nominali standard sabiex tiġi stabbilita l-potenza termika nominali tal-ħiter supplimentari hija t-temperatura ta' barra, Tj = + 7 °C;

(7) "temperatura ta' barra" (T_j) tfisser it-temperatura tal-arja ta' barra b'termometru niexef, mogħtija fi gradi Celsius; l-umdità relattiva tista' tintwera billi tingħata t-temperatura korrispondenti b'termometru umdu;

(8) "konsum annwali tal-enerġija" (Q_{HE}) tfisser il-konsum annwali tal-enerġija ta' ħiter meħtieġ sabiex it-tisħin tal-post jissodisfa d-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin għal staġun tat-tisħin speċifikat, mogħti f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*;

(9) "modalità Stennija" tfisser kundizzjoni li fiha l-ħiter ikun imqabbad mal-mejnijiet, ikun jiddependi fuq l-enerġija li tkun ġejja mill-mejnijiet biex jaħdem kif suppost u jkun jipprovdi biss il-funzjonijiet li ġejjin, li jistgħu jdumu għaddejjin għal tul taż-żmien mhux definit: funzjoni ta' riattivazzjoni jew funzjoni ta' riattivazzjoni u indikazzjoni li din il-funzjoni reġgħet ġiet attivata biss u/jew turija tat-tagħrif jew tal-istat;

(10) "konsum tal-enerġija fil-modalità Stennija" (P_{SB}) tfisser il-konsum tal-enerġija ta' ħiter li jkun fil-modalità Stennija, mogħti f'kW;

(11) "il-koeffiċjent ta' konverżjoni" (*CC*) tfisser koeffiċjent li jirrifletti l-medja tal-effiċjenza tal-ġenerazzjoni tal-UE, stmata bħala 40 %, imsemmija fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]); il-valur tal-koeffiċjent ta' konverżjoni huwa ta': *CC* = 2.5;

(12) "valur kalorifiku gross" (*GCV*) tfisser l-ammont totali ta' sħana rrilaxxat minn unità ta' fjuwil meta din tinħaraq kompletament bl-ossiġnu u meta l-prodotti tal-kombustjoni jerġgħu jingiebu fit-temperatura ambjentali; din il-kwantità tinkludi s-sħana tal-kondensazzjoni ta' kwalunkwe fwar tal-ilma li jkun hemm fil-fjuwil u tal-fwar tal-ilma ffurmat mill-ħruq ta' kwalunkwe idroġenu li jkun hemm fil-fjuwil;

([1]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

Definizzjonijiet marbutin mal-ħiters tal-post b'bojler, mal-ħiters ikkombinati b'bojler u mal-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni:

(13) "l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-modalità attiva" (η_{son}) tfisser

— għall-ħiters tal-post b'bojler li jaħdem bil-fjuwil u għall-ħiters ikkombinati b'bojler li jaħdem bil-fjuwil, il-medja ppeżata tal-effiċjenza utli fil-potenza termika nominali u tal-effiċjenza utli fi 30 % tal-potenza termika nominali, mogħtija bħala perċentwali;

— għall-ħiters tal-post b'bojler elettriku u għall-ħiters ikkombinati b'bojler elettriku, l-effiċjenza utli fil-potenza termika nominali, mogħtija bħala perċentwali;

— għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni li ma jkunux mgħammra b'ħiters supplimentari, l-effiċjenza utli fil-potenza termika nominali, mogħtija bħala perċentwali;

— għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni li jkunu mgħammra b'ħiters supplimentari, il-medja ppeżata tal-effiċjenza utli fil-potenza termika nominali meta l-ħiter supplimentari jkun diżattivat u tal-effiċjenza utli fil-potenza termika nominali meta l-ħiter supplimentari jkun attivat, mogħtija bħala perċentwali;

(14) "l-effiċjenza utli" (η) tfisser il-proporzjon tal-produzzjoni tas-sħana utli meta mqabbel mal-kontribut totali tal-enerġija ta' ħiter tal-post b'bojler, ta' ħiter ikkombinat b'bojler jew ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni, mogħti bħala perċentwali, fejn il-kontribut totali tal-enerġija jingħata f'termini tal-*GCV* u/jew f'termini tal-enerġija finali mmultiplikata bil-valur ta' *CC*;

(15) "il-produzzjoni tas-sħana utli" (*P*) tfisser il-potenza termika ta' ħiter tal-post b'bojler, ta' ħiter ikkombinat b'bojler jew ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni, trażmessa lill-fluwidu trasportatur tas-sħana, mogħtija f'kW;

(16) "l-effiċjenza elettrika" (η_{el}) tfisser il-proporzjon tal-elettriku li jkun qed jiġi prodott meta mqabbel mal-kontribut totali tal-enerġija ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni, mogħti bħala perċentwali, fejn il-kontribut totali tal-enerġija jingħata f'termini tal-*GCV* u/jew f'termini tal-enerġija finali mmultiplikata bil-valur ta' *CC*;

(17) "konsum tal-enerġija tal-berner tat-tqabbid" (P_{ign}) tfisser il-konsum tal-enerġija ta' berner li jkun maħsub biex iqabbad il-berner prinċipali, mogħti f'W f'termini tal-*GCV*;

(18) "bojler li juża l-kondensazzjoni" tfisser ħiter tal-post b'bojler jew ħiter ikkombinat b'bojler li fih, fil-kundizzjonijiet operattivi normali u f'temperaturi tal-ilma partikulari tal-operat, parti mill-fwar tal-ilma fil-prodotti tal-kombustjoni jispiċċa kkondensat, sabiex is-sħana latenti ta' dan il-fwar tal-ilma tintuża għall-għanijiet tat-tisħin;

(19) "konsum tal-elettriku awżiljarju" tfisser l-ammont annwali ta' elettriku meħtieġ għat-tħaddim ippjanat ta' ħiter tal-post b'bojler, ħiter ikkombinat b'bojler jew ħiter tal-post b'koġenerazzjoni, ikkalkulat mill-konsum tal-elettriku meta jkun hemm tagħbija sħiħa (*elmax*) u tagħbija parzjali (*elmin*), fil-modalità Stennija u waqt il-ħinijiet normali tal-operat f'kull modalità, u mogħti f'kWh f'termini tal-enerġija finali;

(20) "telf ta' sħana fil-modalità Stennija" (P_{stby}) tfisser it-telf tas-sħana ta' ħiter tal-post b'bojler, ta' ħiter ikkombinat b'bojler jew ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni f'modalitajiet ta' operazzjoni mingħajr domanda għat-tisħin, mogħti f'kW;

Definizzjonijiet marbutin mal-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u mal-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana:

(21) "koeffiċjent nominali tal-prestazzjoni" (COP_{rated}) jew "proporzjon nominali tal-enerġija primarja" (PER_{rated}) ifissru l-kapaċità termika ddikjarata, mogħtija f'kW, diviża bil-kontribut tal-enerġija, mogħti f'kW f'termini tal-*GCV* u/jew f'kW f'termini tal-enerġija finali mmultiplikata bil-valur ta' *CC*, għat-tisħin ipprovdut f'kundizzjonijiet nominali standard;

(22) "kundizzjonijiet ta' referenza tad-disinn" tfisser il-kombinazzjoni tat-temperatura ta' referenza tad-disinn, tat-temperatura bivalenti massima u tat-temperatura massima tal-limitu tat-tħaddim, kif stabbilit fit-Tabella 10 tal-Anness VII;

(23) "temperatura ta' referenza tad-disinn" (*Tdesignh*) tfisser it-temperatura ta' barra, mogħtija fi gradi Celsius, kif stabbilita fit-Tabella 10 tal-Anness VII, li fiha l-proporzjon tat-tagħbija parzjali jkun ta' 1;

(24) "il-proporzjon tat-tagħbija parzjali" ($pl(T_j)$) tfisser it-temperatura ta' barra mnaqqsa b'16-il °C u diviża bit-temperatura ta' referenza tad-disinn imnaqqsa b'16-il °C;

(25) "staġun tat-tisħin" tfisser sett ta' kundizzjonijiet operattivi għall-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan, li jiddeskrivu, għal kull intervall ta' temperaturi, il-kombinazzjoni ta' temperaturi ta' barra mal-għadd ta' siegħat li matulhom ikun hemm dawk it-temperaturi waqt kull staġun;

(26) "intervall ta' temperaturi" (bin_j) tfisser kombinazzjoni ta' temperatura ta' barra mas-siegħat tal-intervall ta' temperaturi, kif stabbilit fit-Tabella 12 tal-Anness VII;

(27) "siegħat tal-intervall ta' temperaturi" (H_j) tfisser is-siegħat kull staġun tat-tisħin, mogħtija f'siegħat fis-sena, li matulhom ikun hemm temperatura ta' barra partikulari għal kull intervall ta' temperaturi, kif stabbilit fit-Tabella 12 tal-Anness VII;

(28) "tagħbija parzjali għat-tisħin" (*Ph(T_j)*) tfisser it-tagħbija tat-tisħin f'temperatura speċifika ta' barra, ikkalkulata bħala t-tagħbija tad-disinn immultiplikata bil-proporzjon tat-tagħbija parzjali u mogħtija f'kW;

(29) "koeffiċjent staġonali tal-prestazzjoni" (*SCOP*) jew "proporzjon staġonali tal-enerġija primarja" (*SPER*) tfisser il-koeffiċjent kumplessiv tal-prestazzjoni ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jaħdem bl-elettriku jew il-proporzjon kumplessiv tal-enerġija primarja ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jaħdem bil-fjuwil, li jkun rappreżentattiv għall-istaġun tat-tisħin speċifikat u jkun ikkalkulat bħala d-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin diviża bil-konsum annwali tal-enerġija;

(30) "domanda annwali ta' referenza għat-tisħin" (Q_H) tfisser id-domanda ta' referenza għat-tisħin għal staġun tat-tisħin speċifikat li għandha tintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valuri ta' *SCOP* jew *SPER* u li tiġi kkalkulata billi t-tagħbija tad-disinn għat-tisħin tiġi mmultiplikata bis-sigħat annwali ekwivalenti fil-modalità attiva, mogħtija f'kWh;

(31) "sigħat annwali ekwivalenti fil-modalità attiva" (H_{HE}) tfisser l-għadd annwali presuppost ta' sigħat li ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew li ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana jrid jipprovdi lit-tagħbija tad-disinn għat-tisħin biex jissodisfa d-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin, mogħti f'sigħat;

(32) "koeffiċjent tal-prestazzjoni fil-modalità attiva" ($SCOP_{on}$) jew "proporzjon tal-enerġija primarja fil-modalità attiva" ($SPER_{on}$) ifissru l-koeffiċjent medju tal-prestazzjoni ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jaħdem bl-elettriku fil-modalità attiva, jew il-proporzjon medju tal-enerġija primarja ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jaħdem bil-fjuwil fil-modalità attiva għall-istaġun tat-tisħin speċifikat;

(33) "kapaċità supplimentari tat-tisħin" (*sup(Tj)*) tfisser il-potenza termika nominali (*Psup*), mogħtija f'kW, ta' ħiter supplimentari li jissupplimenta l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata sabiex tintlaħaq it-tagħbija parzjali għat-tisħin, f'każ li l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tkun inqas mit-tagħbija parzjali għat-tisħin;

(34) "koeffiċjent tal-prestazzjoni speċifikat għall-intervall ta' temperaturi" (*COPbin(T_j)*) jew "proporzjon tal-enerġija primarja speċifikat għall-intervall ta' temperaturi" (*PERbin(T_j)*) tfisser il-koeffiċjent tal-prestazzjoni ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jaħdem bl-elettriku jew il-proporzjon tal-enerġija primarja ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jaħdem bil-fjuwil għal kull intervall ta' temperaturi fi staġun, li jiġi mit-tagħbija parzjali għat-tisħin, mill-kapaċità tat-tisħin iddikjarata u mill-koeffiċjent iddikjarat tal-prestazzjoni għal intervalli ta' temperaturi partikulari u jiġi kkalkulat permezz tal-interpolazzjoni jew tal-estrapolazzjoni għal intervalli ta' temperaturi oħrajn, u kkoreġut, f'każ li jkun hemm bżonn, permezz tal-koeffiċjent ta' degradazzjoni;

(35) "kapaċità tat-tisħin iddikjarata" (*Pdh(T_j)*) tfisser il-kapaċità tat-tisħin, mogħtija f'kW, li ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana jista' jipprovdi f'temperatura partikulari ta' barra;

(36) "kontroll tal-kapaċità" tfisser il-ħila ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jibdel il-kapaċità tiegħu billi jbiddel ir-rata tal-fluss volumetriku ta' mill-inqas wieħed mil-likwidi meħtieġa biex jitħaddem iċ-ċiklu ta' refriġerazzjoni. Dan għandu jiġi mmarkat bħala "fiss" jekk ir-rata tal-fluss volumetriku ma tistax tinbidel jew bħala "varjabbli" jekk ir-rata tal-fluss volumetriku tinbidel jew tvarja f'sensiela ta' żewġ stadji jew iktar;

(37) "tagħbija tad-disinn għat-tisħin" (*Pdesignh*) tfisser il-potenza termika nominali (*Prated*), mogħtija f'kW, ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana fit-temperatura ta' referenza tad-disinn, fejn it-tagħbija tad-disinn għat-tisħin tkun daqs it-tagħbija parzjali għat-tisħin u t-temperatura ta' barra tkun daqs it-temperatura ta' referenza tad-disinn;

(38) "koeffiċjent iddikjarat tal-prestazzjoni" (*COPd(T_j)*) jew "proporzjon iddikjarat tal-enerġija primarja" (*PERd(T_j)*) tfisser il-koeffiċjent tal-prestazzjoni jew il-proporzjon tal-enerġija primarja f'għadd limitat ta' intervalli ta' temperaturi partikulari;

(39) "temperatura bivalenti" (T_{biv}) tfisser it-temperatura ta' barra ddikjarata mill-fornitur għat-tisħin, mogħtija fi gradi Celsius, li fiha l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tkun daqs it-tagħbija parzjali għat-tisħin u li f'temperaturi inqas minnha l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tkun teħtieġ kapaċità supplimentari tat-tisħin sabiex tintlaħaq it-tagħbija parzjali għat-tisħin;

(40) "temperatura tal-limitu tat-tħaddim" (*TOL*) tfisser it-temperatura ta' barra ddikjarata mill-fornitur għat-tisħin, mogħtija fi gradi Celsius, li f'temperaturi inqas minnha ħiter tal-post b'pompa tas-sħana arja-ilma jew ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana arja-ilma ma jkun jista' jwassal l-ebda kapaċità tat-tisħin u l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tkun ta' żero;

(41) "temperatura limitu tat-tħaddim għall-ilma tat-tisħin" (*WTOL*) tfisser it-temperatura tal-ħruġ tal-ilma ddikjarata mill-fornitur għat-tisħin, mogħtija fi gradi Celsius, li f'temperaturi ogħla minnha ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana ma jkun jista' jwassal l-ebda kapaċità tat-tisħin u l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tkun ta' żero;

(42) "kapaċità tal-intervall ċikliku għat-tisħin" (*Pcych*) tfisser il-kapaċità tat-tisħin integrata tul l-intervall ċikliku tat-test għat-tisħin, mogħtija f'kW;

(43) "l-effiċjenza tal-intervall ċikliku" (*COPcyc* jew *PERcyc*) tfisser il-koeffiċjent medju tal-prestazzjoni jew il-proporzjon medju tal-enerġija primarja tul l-intervall ċikliku tat-test, ikkalkulat billi l-kapaċità tat-tisħin integrata tul l-intervall, mogħtija f'kWh, tiġi diviża bil-kontribut tal-enerġija integrat tul dak l-istess intervall, mogħti f'kWh f'termini tal-*GCV* u/jew f'kWh f'termini tal-enerġija finali mmultiplikata bil-valur ta' *CC*;

(44) "koeffiċjent ta' degradazzjoni" (*Cdh*) tfisser il-kejl tal-effiċjenza mitlufa minħabba ċ-ċikli ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana; jekk dan il-koeffiċjent ma jiġix stabbilit bil-kejl, b'mod awtomatiku jitqies li huwa ta' *Cdh* = 0.9;

(45) "modalità attiva" tfisser il-kundizzjoni li tikkorrispondi għas-sigħat b'tagħbija tat-tisħin għall-post magħluq u b'funzjoni attivata tat-tisħin; din il-kundizzjoni tista' tinvolvi ċikli tal-ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew tal-ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana sabiex tintlaħaq jew tinżamm it-temperatura tal-arja ta' ġewwa meħtieġa;

(46) "modalità Mitfi" tfisser kundizzjoni li fiha l-ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew il-ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana jkun imqabbad mal-mejnijiet imma ma jkun qed jipprovdi l-ebda funzjoni, inklużi kundizzjonijiet li jipprovdu biss indikazzjoni ta' kundizzjoni ta' modalità Mitfi, kif ukoll kundizzjonijiet li jipprovdu biss funzjonijiet maħsuba biex jiżguraw il-kompatibbiltà elettromanjetika skont id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(47) "modalità bit-termostat mitfi" tfisser il-kundizzjoni li tikkorrispondi għas-sigħat mingħajr tagħbija tat-tisħin u b'funzjoni attivata tat-tisħin, fejn il-funzjoni tat-tisħin tkun mixgħula imma l-ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew il-ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana ma jkunx qed jaħdem; iċ-ċikli fil-modalità attiva mhumiex meqjusa bħala modalità bit-termostat mitfi;

(48) "modalità tal-ħiter tal-kisi tal-krank" tfisser kundizzjoni li fiha jiġi attivat apparat għat-tisħin sabiex jiġi evitat li r-refriġerant jgħaddi għal ġol-kompressur biex tiġi llimitata l-konċentrazzjoni tar-refriġerant fiż-żejt malli jitqabbad il-kompressur;

(49) "konsum tal-enerġija fil-modalità Mitfi" (P_{OFF}) tfisser il-konsum tal-enerġija ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana li jkun fil-modalità Mitfi, mogħti f'kW;

(50) "konsum tal-enerġija fil-modalità bit-termostat mitfi" (P_{TO}) tfisser il-konsum tal-enerġija ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana waqt li jkun fil-modalità bit-termostat mitfi, mogħti f'kW;

(51) "konsum tal-enerġija fil-modalità tal-ħiter tal-kisi tal-krank" (P_{CK}) tfisser il-konsum tal-enerġija ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew ta' ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana waqt li jkun fil-modalità tal-ħiter tal-kisi tal-krank, mogħti f'kW;

(52) "pompa tas-sħana b'temperatura baxxa" tfisser ħiter tal-post b'pompa tas-sħana li jkun iddisinjat b'mod speċifiku għal applikazzjoni b'temperatura baxxa, u li ma jistax jipprovdi ilma għat-tisħin b'temperatura tal-ħruġ ta' 52 °C f'temperatura tad-dħul b'termometru niexef ta' – 7 °C (jew ta' – 8 °C b'termometru umdu) fil-kundizzjonijiet ta' referenza tad-disinn għal klima medja;

(53) "applikazzjoni b'temperatura baxxa" tfisser applikazzjoni li fiha l-ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jipprovdi l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tiegħu f'temperatura tal-ħruġ ta' skambjatur tas-sħana li jkun jinsab fuq ġewwa ta' 35 °C;

(54) "applikazzjoni b'temperatura medja" tfisser applikazzjoni li fiha l-ħiter tal-post b'pompa tas-sħana jew il-ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana jipprovdi l-kapaċità tat-tisħin iddikjarata tiegħu f'temperatura tal-ħruġ ta' skambjatur tas-sħana li jkun jinsab fuq ġewwa ta' 55 °C;

Definizzjonijiet marbutin mat-tisħin tal-ilma fil-ħiters ikkombinati:

(55) "profil tat-tagħbija" tfisser sekwenza partikulari ta' estrazzjonijiet mill-ilma, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII; kull ħiter ikkombinat ikun jikkorrispondi tal-inqas ma' profil tat-tagħbija wieħed;

(56) "estrazzjoni mill-ilma" tfisser kombinazzjoni partikulari ta' rata tal-fluss tal-ilma utli, ta' temperatura utli tal-ilma, ta' kontenut ta' enerġija utli u tal-ogħla temperatura, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII;

(57) "rata tal-fluss tal-ilma utli" (*f*) tfisser ir-rata minima ta' fluss, mogħtija f'litri għal kull minuta, li għaliha l-misħun ikun qed jikkontribwixxi għall-enerġija ta' referenza, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII;

(58) "temperatura utli tal-ilma" (T_m) tfisser it-temperatura tal-ilma, mogħtija fi gradi Celsius, li fiha l-misħun jibda jikkontribwixxi għall-enerġija ta' referenza, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII;

(59) "kontenut ta' enerġija utli" (Q_{tap}) tfisser il-kontenut tal-enerġija tal-misħun, mogħti f'kWh, ipprovdut f'temperatura li tkun daqs it-temperatura utli tal-ilma jew ogħla minnha, u f'rati ta' fluss tal-ilma li jkunu daqs ir-rata tal-fluss tal-ilma utli jew ogħla minnha, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII;

(60) "kontenut tal-enerġija tal-misħun" tfisser il-prodott tal-kapaċità termika speċifika tal-ilma, id-differenza medja fit-temperatura bejn dik tal-misħun li jkun qed jiġi prodott u dik tal-ilma kiesaħ li jkun dieħel, u l-massa totali tal-misħun prodott;

([1]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.

(61) "l-ogħla temperatura" (T_p) tfisser it-temperatura minima tal-ilma, mogħtija fi gradi Celsius, li għandha tinkiseb waqt l-estrazzjonijiet mill-ilma, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII;

(62) "enerġija ta' referenza" (Q_{ref}) tfisser is-somma tal-kontenut ta' enerġija utli tal-estrazzjonijiet mill-ilma, mogħti f'kWh, fi profil tat-tagħbija partikulari, kif speċifikat fit-Tabella 15 mogħtija fl-Anness VII;

(63) "il-profil massimu tat-tagħbija" tfisser il-profil tat-tagħbija li jkollu l-enerġija massima ta' referenza li ħiter ikkombinat jkun jista' jipprovdi filwaqt li jissodisfa l-kundizzjonijiet tat-temperatura u tar-rata ta' fluss ta' dan il-profil tat-tagħbija;

(64) "il-profil tat-tagħbija ddikjarat" tfisser il-profil tat-tagħbija li jiġi applikat meta tkun qed tiġi kkalkulata l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma;

(65) "konsum ta' kuljum tal-elettriku" (Q_{elec}) tfisser il-konsum tal-elettriku għat-tisħin tal-ilma matul 24 siegħa konsekuttivi, mogħti f'kWh f'termini tal-enerġija finali, meta jintuża l-profil tat-tagħbija ddikjarat;

(66) "konsum ta' kuljum tal-fjuwil" (Q_{fuel}) tfisser il-konsum tal-fjuwil għat-tisħin tal-ilma matul 24 siegħa konsekuttivi, mogħti f'kWh f'termini tal-*GCV* u f'GJ f'termini tal-*GCV* għall-għanijiet tal-punt 5(f) tal-Anness VII, meta jintuża l-profil tat-tagħbija ddikjarat;

(67) "konsum annwali tal-elettriku" (*AEC*) tfisser il-konsum annwali tal-elettriku ta' ħiter ikkombinat għat-tisħin tal-ilma meta jintuża l-profil tat-tagħbija ddikjarat u jkun hemm kundizzjonijiet klimatiċi partikulari, mogħti f'kWh f'termini tal-enerġija finali;

(68) "konsum annwali tal-fjuwil" (*AFC*) tfisser il-konsum annwali tal-fjuwils fossili u/jew tal-fjuwils tal-bijomassa ta' ħiter ikkombinat għat-tisħin tal-ilma meta jintuża l-profil tat-tagħbija ddikjarat u jkun hemm kundizzjonijiet klimatiċi partikulari, mogħti f'GJ f'termini tal-*GCV*;

Definizzjonijiet marbutin mal-apparat solari:

(69) "kontribut annwali ta' tisħin li mhux solari" (Q_{nonsol}) tfisser il-kontribut annwali tal-elettriku (mogħti f'kWh f'termini tal-enerġija primarja) u/jew tal-fjuwils (mogħti f'kWh f'termini tal-*GCV*) għall-produzzjoni tas-sħana utli ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat u regolatur tat-temperatura, filwaqt li jitqies l-ammont ta' sħana maqbuda mill-kollettur solari fis-sena u t-telf tas-sħana tat-tank tal-misħun solari;

(70) "erja ta' apertura tal-kollettur" (A_{sol}), li qed tissejjaħ "daqs tal-kollettur" għall-għanijiet tal-Figuri 1 sa 4 fl-Anness IV, tfisser l-erja massima pprojettata li minnha r-radjazzjoni solari mhix ikkonċentrata tidħol fil-kollettur, mogħtija f'metri kwadri;

(71) "l-effiċjenza tal-kollettur" (η_{col}) tfisser l-effiċjenza tal-kollettur solari meta jkun hemm differenza ta' 40 K fit-temperatura tal-kollettur solari meta mqabbla ma' dik tal-arja ta' madwaru u meta jkun hemm irradjanza solari globali ta' 1 000 W/m^2, mogħtija bħala perċentwali;

(72) "telf kostanti" (*S*) tfisser il-potenza termika mitlufa minn tank tal-misħun solari f'ċerti temperaturi partikulari tal-ilma u tal-ambjent, mogħtija f'W;

(73) "volum tal-ħżin" (*V*), li qed jissejjaħ "volum tat-tank" għall-għanijiet tal-Figuri 1 sa 4 fl-Anness IV, tfisser il-volum nominali ta' tank tal-misħun solari, mogħti f'litri jew f'metri kubi;

(74) "il-konsum tal-elettriku awżiljarju" (Q_{aux}), li qed jissejjaħ "l-elettriku awżiljarju" għall-għanijiet tal-Figura 5 fl-Anness IV, tfisser il-konsum annwali tal-elettriku, mogħti f'kWh f'termini tal-enerġija finali, ta' sistema esklużivament solari, li ġej mill-konsum tal-enerġija tal-pompa u mill-konsum tal-enerġija fil-modalità Stennija;

(75) "konsum tal-enerġija tal-pompa" (*solpump*) tfisser il-konsum nominali tal-enerġija elettrika tal-pompa fis-sistema ċirkolari tal-kollettur ta' sistema esklużivament solari, mogħti f'W;

(76) "konsum tal-enerġija fil-modalità Stennija" (*solstandby*) tfisser il-konsum nominali tal-enerġija elettrika ta' sistema esklużivament solari meta l-pompa u l-ġeneratur tas-sħana ma jkunux attivi, mogħti f'W;

Definizzjonijiet oħrajn:

(77) "kundizzjonijiet klimatiċi medji", "kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ" u "kundizzjonijiet klimatiċi isħan" ifissru t-temperaturi u l-kundizzjonijiet ta' irradjanza solari globali li huma tipiċi għall-bliet ta' Strasburgu, Ħelsinki u Ateni, rispettivament;

(78) "identifikatur tal-mudell" tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanumeriku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' ħiter tal-post, ta' ħiter ikkombinat, ta' regolatur tat-temperatura, ta' apparat solari ta' pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, jew -ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari minn mudelli oħrajn tal-istess marka kummerċjali jew bl-isem tal-istess fornitur jew tal-istess bejjiegħ.

ANNESS II

Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika

1. KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA STAĠONALI TAT-TISĦIN TAL-POST

Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post ta' ħiter, minbarra l-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa u l-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana għal applikazzjoni b'temperatura baxxa, għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-ħiter, kif mogħti fit-Tabella 1.

Il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post ta' pompa tas-sħana b'temperatura baxxa u ta' ħiter tal-post b'pompa tas-sħana għal applikazzjoni b'temperatura baxxa għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tagħhom, kif mogħti fit-Tabella 2.

L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post ta' ħiter għandha tiġi kkalkulata skont il-punti 3 u 4 tal-Anness VII għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana, għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana u għall-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa f'kundizzjonijiet klimatiċi medji.

Tabella 1

Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-ħiters, minbarra l-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa u l-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana għal applikazzjoni b'temperatura baxxa

Klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post	L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s, f'perċentwali
A^{+++}	$\eta_s \geq 150$
A^{++}	$125 \leq \eta_s < 150$
A^{+}	$98 \leq \eta_s < 125$
A	$90 \leq \eta_s < 98$
B	$82 \leq \eta_s < 90$
C	$75 \leq \eta_s < 82$
D	$36 \leq \eta_s < 75$
E	$34 \leq \eta_s < 36$
F	$30 \leq \eta_s < 34$
G	$\eta_s < 30$

Tabella 2

Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa u tal-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana għal applikazzjoni b'temperatura baxxa

Klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post	L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s, f'perċentwali
A^{+++}	$\eta_s \geq 175$
A^{++}	$150 \leq \eta_s < 175$
A^{+}	$123 \leq \eta_s < 150$
A	$115 \leq \eta_s < 123$
B	$107 \leq \eta_s < 115$
C	$100 \leq \eta_s < 107$
D	$61 \leq \eta_s < 100$
E	$59 \leq \eta_s < 61$
F	$55 \leq \eta_s < 59$
G	$\eta_s < 55$

2. KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA GĦAT-TISĦIN TAL-ILMA

Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma ta' ħiter ikkombinat għandha tiġi stabbilita skont l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma tiegħu kif stipulat fit-Tabella 3.

L-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma ta' ħiter ikkombinat għandha tiġi kkalkulata skont il-punt 5 tal-Anness VII.

Tabella 3

Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-ħiters ikkombinati, imqassmin fi klassijiet skont il-profili tat-tagħbija ddikjarati, η_{wh} *f'perċentwali*

	3XS	XXS	XS	S	M	L	XL	XXL
A^{+++}	$\eta_{wh} \geq 62$	$\eta_{wh} \geq 62$	$\eta_{wh} \geq 69$	$\eta_{wh} \geq 90$	$\eta_{wh} \geq 163$	$\eta_{wh} \geq 188$	$\eta_{wh} \geq 200$	$\eta_{wh} \geq 213$
A^{++}	$53 \leq \eta_{wh} < 62$	$53 \leq \eta_{wh} < 62$	$61 \leq \eta_{wh} < 69$	$72 \leq \eta_{wh} < 90$	$130 \leq \eta_{wh} < 163$	$150 \leq \eta_{wh} < 188$	$160 \leq \eta_{wh} < 200$	$170 \leq \eta_{wh} < 213$
A^{+}	$44 \leq \eta_{wh} < 53$	$44 \leq \eta_{wh} < 53$	$53 \leq \eta_{wh} < 61$	$55 \leq \eta_{wh} < 72$	$100 \leq \eta_{wh} < 130$	$115 \leq \eta_{wh} < 150$	$123 \leq \eta_{wh} < 160$	$131 \leq \eta_{wh} < 170$
A	$35 \leq \eta_{wh} < 44$	$35 \leq \eta_{wh} < 44$	$38 \leq \eta_{wh} < 53$	$38 \leq \eta_{wh} < 55$	$65 \leq \eta_{wh} < 100$	$75 \leq \eta_{wh} < 115$	$80 \leq \eta_{wh} < 123$	$85 \leq \eta_{wh} < 131$
B	$32 \leq \eta_{wh} < 35$	$32 \leq \eta_{wh} < 35$	$35 \leq \eta_{wh} < 38$	$35 \leq \eta_{wh} < 38$	$39 \leq \eta_{wh} < 65$	$50 \leq \eta_{wh} < 75$	$55 \leq \eta_{wh} < 80$	$60 \leq \eta_{wh} < 85$
C	$29 \leq \eta_{wh} < 32$	$29 \leq \eta_{wh} < 32$	$32 \leq \eta_{wh} < 35$	$32 \leq \eta_{wh} < 35$	$36 \leq \eta_{wh} < 39$	$37 \leq \eta_{wh} < 50$	$38 \leq \eta_{wh} < 55$	$40 \leq \eta_{wh} < 60$
D	$26 \leq \eta_{wh} < 29$	$26 \leq \eta_{wh} < 29$	$29 \leq \eta_{wh} < 32$	$29 \leq \eta_{wh} < 32$	$33 \leq \eta_{wh} < 36$	$34 \leq \eta_{wh} < 37$	$35 \leq \eta_{wh} < 38$	$36 \leq \eta_{wh} < 40$
E	$22 \leq \eta_{wh} < 26$	$23 \leq \eta_{wh} < 26$	$26 \leq \eta_{wh} < 29$	$26 \leq \eta_{wh} < 29$	$30 \leq \eta_{wh} < 33$	$30 \leq \eta_{wh} < 34$	$30 \leq \eta_{wh} < 35$	$32 \leq \eta_{wh} < 36$
F	$19 \leq \eta_{wh} < 22$	$20 \leq \eta_{wh} < 23$	$23 \leq \eta_{wh} < 26$	$23 \leq \eta_{wh} < 26$	$27 \leq \eta_{wh} < 30$	$27 \leq \eta_{wh} < 30$	$27 \leq \eta_{wh} < 30$	$28 \leq \eta_{wh} < 32$
G	$\eta_{wh} < 19$	$\eta_{wh} < 20$	$\eta_{wh} < 23$	$\eta_{wh} < 23$	$\eta_{wh} < 27$	$\eta_{wh} < 27$	$\eta_{wh} < 27$	$\eta_{wh} < 28$

3. KLASSIJIET TAL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA TAT-TANKIJIET TAL-MISĦUN SOLARI, JEKK DAWN IKUNU APPARAT SOLARI (JEW IKUNU JIFFURMAW PARTI MINN DAN IT-TIP TA' APPARAT)

Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika ta' tank tal-misħun solari għandha tiġi stabbilita skont it-telf kostanti tiegħu kif stipulat fit-Tabella 4, jekk dan ikun apparat solari (jew ikun jifforma parti minn dan it-tip ta' apparat).

Tabella 4

Klassijiet tal-effiċjenza enerġetika tat-tankijiet tal-misħun solari, jekk dawn ikunu apparat solari (jew ikunu jiffurmaw parti minn dan it-tip ta' apparat)

Klassi tal-effiċjenza enerġetika	It-telf kostanti, *S*, f'watts, u l-volum tal-ħżin, *V*, f'litri
A+	$S < 5{,}5 + 3{,}16 \cdot V^{0{,}4}$
A	$5{,}5 + 3{,}16 \cdot V^{0{,}4} \leq S < 8{,}5 + 4{,}25 \cdot V^{0{,}4}$
B	$8{,}5 + 4{,}25 \cdot V^{0{,}4} \leq S < 12 + 5{,}93 \cdot V^{0{,}4}$
C	$12 + 5{,}93 \cdot V^{0{,}4} \leq S < 16{,}66 + 8{,}33 \cdot V^{0{,}4}$
D	$16{,}66 + 8{,}33 \cdot V^{0{,}4} \leq S < 21 + 10{,}33 \cdot V^{0{,}4}$
E	$21 + 10{,}33 \cdot V^{0{,}4} \leq S < 26 + 13{,}66 \cdot V^{0{,}4}$
F	$26 + 13{,}66 \cdot V^{0{,}4} \leq S < 31 + 16{,}66 \cdot V^{0{,}4}$
G	$S > 31 + 16{,}66 \cdot V^{0{,}4}$


ANNESS III

It-tikketti

1. IL-ĦITERS TAL-POST

1.1. **It-tikketta numru 1**

1.1.1. *Il-ħiters tal-post b'bojler li jaqgħu fil-klassijiet A^{++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tishin tal-post*



(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tishin tal-post;


IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-ħiter tal-post b'bojler għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;

V. il-potenza termika nominali f'kW, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

VI. il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'bojler għandhom ikunu skont il-punt 5 ta' dan l-Anness.

1.1.2. *Il-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni li jaqgħu fil-klassijiet A^{++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post*



I, II

III

IV

VI, V

VII

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin tal-post;

IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-ħiter tal-post b'koġenerazzjoni għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;


V. il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

VI. il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

VII. il-funzjoni addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-elettriku.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni għandhom ikunu skont il-punt 6 ta' dan l-Anness.

1.1.3. *Il-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana li jaqgħu fil-klassijiet A^{++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, minbarra l-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa*



I, II

III

IV

VII, V

VI

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin tal-post għal applikazzjoni b'temperatura medja u applikazzjoni b'temperatura baxxa rispettivament;

IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'kundizzjonijiet klimatiċi medji għal applikazzjoni b'temperatura medja u applikazzjoni b'temperatura baxxa rispettivament, stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-ħiter tal-post b'pompa tas-sħana għal applikazzjoni b'temperatura medja u għal applikazzjoni b'temperatura baxxa rispettivament, għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;

V. il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, f'kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan, għal applikazzjoni b'temperatura medja u għal applikazzjoni b'temperatura baxxa rispettivament, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;


VI. mappa tat-temperaturi fl-Ewropa li turi tliet żoni indikattivi tat-temperatura;

VII. il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa (jekk ikun japplika) u fuq barra, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana għandhom ikunu skont il-punt 7 ta' dan l-Anness. Bħala eċċezzjoni, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-Unjoni Ewropea" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], tista' tiżdied kopja tal-ekotikketta tal-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

1.1.4. *Il-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa li jaqgħu fil-klassijiet A^{++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post*



I, II

III

IV

VII, V

VI

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin tal-post għal applikazzjoni b'temperatura baxxa;

IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'kundizzjonijiet klimatiċi medji, stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-pompa tas-sħana b'temperatura baxxa għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;

V. il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, f'kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;


VI. mappa tat-temperaturi fl-Ewropa li turi tliet żoni indikattivi tat-temperatura;

VII. il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa (jekk ikun japplika) u fuq barra, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa għandhom ikunu skont il-punt 8 ta' dan l-Anness. Bħala eċċezzjoni, meta mudell ikun ingħata "ekotikketta tal-Unjoni Ewropea" skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tista' tiżdied kopja tal-ekotikketta tal-Unjoni Ewropea.

1.2. **It-tikketta numru 2**

1.2.1. *Il-ħiters tal-post b'bojler li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post*



I, II

III


IV

VI, V

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif imniżżel fil-punt 1.1.1(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'bojler għandhom ikunu skont il-punt 5 ta' dan l-Anness.

1.2.2. *Il-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post*



I, II

III

IV


VI, V

VII

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif imniżżel fil-punt 1.1.2(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni għandhom ikunu skont il-punt 6 ta' dan l-Anness.

1.2.3. *Il-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana li jaqgħu fil-klassijiet A+++ sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, minbarra l-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa*



I, II

III

IV


VII, V

VI

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif imniżżel fil-punt 1.1.3(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana għandhom ikunu skont il-punt 7 ta' dan l-Anness.

1.2.4. *Il-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa li jaqgħu fil-klassijiet* A^{+++} *sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post*



I, II

III

IV

VII, V

VI


(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif imniżżel fil-punt 1.1.4(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa għandhom ikunu skont il-punt 8 ta' dan l-Anness.

2. IL-ĦITERS IKKOMBINATI

2.1. **It-tikketta numru 1**

2.1.1 *Il-ħiters ikkombinati b'bojler li jaqgħu fil-klassijiet A^{++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u fil-klassijiet A sa G tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma*



I, II

III

IV

VI, V, VII

(a) The following information shall be included in the label:

I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin tal-post u l-funzjoni tat-tisħin tal-ilma, inkluż il-profil tat-tagħbija ddikjarat, indikat bl-ittra xierqa skont it-Tabella 15 tal-Anness VII;

IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma, stabbiliti skont il-punti 1 u 2 tal-Anness II; it-truf tal-vleġeġ li fihom jidhru l-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-ħiter ikkombinat b'bojler għandhom jitqegħdu fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;


V. il-potenza termika nominali f'kW, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

VI. il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

VII. għall-ħiters ikkombinati b'bojler li kapaċi jaħdmu biss fis-sigħat kwieti, tista' tiżdied il-pittogramma msemmija fil-punt 9(d)(11) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters ikkombinati b'bojler għandhom ikunu skont il-punt 9 ta' dan l-Anness.

2.1.2. *Il-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana li jaqgħu fil-klassijiet A^{++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u fil-klassijiet A sa G tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma*



I, II

III

IV

VII, VI, V

VIII

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin tal-post għal applikazzjoni b'temperatura medja u l-funzjoni tat-tisħin tal-ilma, inkluż il-profil tat-tagħbija ddikjarat, indikat bl-ittra xierqa skont it-Tabella 15 tal-Anness VII;

IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'kundizzjonijiet klimatiċi medji għal applikazzjoni b'temperatura medja u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma f'kundizzjonijiet klimatiċi medji, stabbiliti skont il-punti 1 u 2 tal-Anness II; it-truf tal-vleġeġ li fihom jidhru l-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana għandhom jitqegħdu fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;

V. il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, f'kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

VI. mappa tat-temperaturi fl-Ewropa li turi tliet żoni indikattivi tat-temperatura;


VII. il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa (jekk ikun japplika) u fuq barra, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

VIII. għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana li kapaċi jaħdmu biss fis-sigħat kwieti, tista' tiżdied il-pittogramma msemmija fil-punt 10(d)(12) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana għandhom ikunu skont il-punt 10 ta' dan l-Anness.

2.2. **It-tikketta numru 2**

2.2.1. *Il-ħiters ikkombinati b'bojler li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u fil-klassijiet A^{+} sa F tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma*



I, II

III


IV

VI, V, VII

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif imniżżel fil-punt 2.1.1(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters ikkombinati b'bojler għandhom ikunu skont il-punt 9 ta' dan l-Anness.

2.2.2. *Il-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u fil-klassijiet A^{+} sa F tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma*



I, II

III

IV

VII, VI, V


VIII

(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif imniżżel fil-punt 2.1.2(a) ta' dan l-Anness.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana għandhom ikunu skont il-punt 10 ta' dan l-Anness.

3. IL-PAKKETTI MAGĦMULIN MINN ĦITER TAL-POST, MINN REGOLATUR TAT-TEMPERATURA U MINN APPARAT SOLARI

It-tikketta għall-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa G tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post



(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-bejjiegħ u/jew il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell(i) tal-bejjiegħ u/jew tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin;

IV. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-ħiter tal-post, stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II;


V. indikazzjoni dwar jekk kollettur solari, tank tal-miżħun, regolatur tat-temperatura u/jew ħiter tal-post supplimentari jistgħux jiġu inklużi fil-pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari jew le;

VI. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, stabbilita skont il-punt 5 tal-Anness IV; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għandhom ikunu skont il-punt 11 ta' dan l-Anness. Għall-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa D tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, jistgħu jitħallew barra l-klassijiet li jinsabu fl-aħħar postijiet tal-iskala li tmur minn A^{+++} sa G, jiġifieri l-klassijiet E sa G.

4. IL-PAKKETTI MAGĦMULIN MINN ĦITER IKKOMBINAT, MINN REGOLATUR TAT-TEMPERATURA U MINN APPARAT SOLARI

It-tikketta għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa G tal-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-post staġonali u tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma



(a) It-tikketta għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

I. isem il-bejjiegħ u/jew il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu;

II. l-identifikatur tal-mudell(i) tal-bejjiegħ u/jew tal-fornitur;

III. il-funzjoni tat-tisħin tal-post u l-funzjoni tat-tisħin tal-ilma, inkluż il-profil tat-tagħbija, indikat b-ittra xierqa skont it-Tabella 15 tal-Anness VII;

IV. il-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-ħiter ikkombinat, stabbiliti skont il-punti 1 u 2 tal-Anness II;


V. indikazzjoni dwar jekk kollettur solari, tank tal-miżħun, regolatur tat-temperatura u/jew ħiter supplimentari jistgħux jiġu inklużi fil-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari jew le;

VI. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, stabbilita skont il-punt 6 tal-Anness IV; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti;

VII. il-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, stabbilita skont il-punt 6 tal-Anness IV; it-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għandu jitqiegħed fl-istess livell bħat-tarf tal-vleġġa li fiha tidher il-klassi tal-effiċjenza enerġetika rilevanti.

(b) L-aspetti tad-disinn tat-tikketta għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari għandhom ikunu skont il-punt 12 ta' dan l-Anness. Għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari li jaqgħu fil-klassijiet A^{+++} sa D tal-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-post u/jew tal-effiċjenza enerġetika staġonali għat-tisħin tal-ilma, jistgħu jiħallew barra l-klassijiet li jinsabu fl-aħħar postijiet tal-iskala li tmur minn A^{+++} sa G, jiġifieri l-klassijiet E sa G.

5. Id-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'bojler għandu jkun dan li ġej:



fejn:

(a) It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 105 millimetri u għolja mill-inqas 200 millimetru. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

(b) L-isfond għandu jkun abjad.

(c) Il-kuluri għandhom il-kodiċi CMYK – blu jagħti fl-aħdar ("cyan"), maġenta, isfar u iswed – bħal f'dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % blu jagħti fl-aħdar, 70 % maġenta, 100 % isfar u 0 % iswed.

(d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-disinn t'hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 4 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri.

❷ **Il-lowgo tal-UE:** Kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **It-tikketta tal-enerġija:** Kulur: X-00-00-00. Pittogramma kif murija: il-lowgo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa': 86 millimetru, għoli: 17-il millimetru.

❹ **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħar:** 1 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, tul: 86 millimetru.

❺ **Il-funzjoni tat-tiswin tal-post:**

— **pittogramma** kif murija.

❻ **L-iskala li tmur minn A^{++} sa G u dik li tmur minn A^{+++} sa D rispettivament:**

— **il-vleġġ:** għoli: 5 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: 1.3 millimetri, kuluri:

l-aqwa klassi: X-00-X-00,

it-tieni klassi: 70-00-X-00,

it-tielet klassi: 30-00-X-00,

ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

il-ħames klassi: 00-30-X-00,

is-sitt klassi: 00-70-X-00,

is-seba' klassi: 00-X-X-00,

it-tmien klassi: 00-X-X-00,

l-aħħar klassi: 00-X-X-00;

— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 14-il pt, b'ittri kbar u bl-abjad, is-simboli "+": stampati 'l fuq mill-vers, allinjati f'ringiela waħda;

— **il-vleġġ:** għoli: 7 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: millimetru (1), kuluri:

l-aqwa klassi: X-00-X-00,

it-tieni klassi: 70-00-X-00,

it-tielet klassi: 30-00-X-00,

ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

il-ħames klassi: 00-30-X-00,

is-sitt klassi: 00-70-X-00,

l-aħħar klassi: 00-X-X-00;

— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 16-il pt, b'ittri kbar u bl-abjad, is-simboli "+": stampati 'l fuq mill-vers, allinjati f'ringiela waħda.

❼ **Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tiswin tal-post:**

— **il-vleġġa:** wisa': 22 millimetru, għoli: 12-il millimetru, 100 % iswed;

— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 24 pt, b'ittri kbar u bl-abjad, is-simboli "+": stampati 'l fuq mill-vers, allinjati f'ringiela waħda.

❽ **Il-livell ta' qawwa tal-ħoss, fuq ġewwa:**

— **pittogramma** kif murija,

— **bordura:** 2 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri,

— **il-valur "YZ":** Calibri tipa grassa 20 pt, 100 % iswed,

— **il-kliem "dB":** Calibri tipa normali 15-il pt, 100 % iswed.

❾ **Il-potenza termika nominali:**

— **bordura:** 2 pt – kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 % – kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri,

— **il-valur "YZ":** Calibri tipa grassa 45 pt, 100 % iswed,

— **il-kliem "kW":** Calibri tipa normali 30 pt, 100 % iswed.

❿ **Is-sena li fiha ddaħħlet it-tikketta u n-numru tar-Regolament:**


— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 10 pt.

⓫ **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu.**

⓬ **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur:**

Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 86 bi 12-il millimetru.

6. Id-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni għandu jkun dan li ġej:



fejn:

(a) It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 105 millimetri u għolja mill-inqas 200 millimetru. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

(b) L-isfond għandu jkun abjad.

(c) Il-kuluri għandhom il-kodiċi CMYK – blu jagħti fl-aħdar ("cyan"), maġenta, isfar u iswed – bħal f'dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % blu jagħti fl-aħdar, 70 % maġenta, 100 % isfar u 0 % iswed.

(d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-disinn t'hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 4 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri.

❷ **Il-lowgo tal-UE:** Kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **It-tikketta tal-enerġija:** Kulur: X-00-00-00. Pittogramma kif murija: il-lowgo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa': 86 millimetru, għoli: 17-il millimetru.

❹ **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħar:** 1 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, tul: 86 millimetru.

❺ **Il-funzjoni tat-tisħin tal-post:**

— **pittogramma** kif murija.

❻ **L-iskala li tmur minn A^{++} sa G u dik li tmur minn A^{+++} sa D rispettivament:**

— **il-vleġeġ:** għoli: 5 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: 1.3 millimetri, kuluri:

l-aqwa klassi: X-00-X-00,

it-tieni klassi: 70-00-X-00,

it-tielet klassi: 30-00-X-00,

ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

il-ħames klassi: 00-30-X-00,

is-sitt klassi: 00-70-X-00,

is-seba' klassi: 00-X-X-00,

it-tmien klassi: 00-X-X-00,

l-aħħar klassi: 00-X-X-00;

— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 14-il pt, b'ittri kbar u bl-abjad, is-simboli "+": stampati 'l fuq mill-vers, allinjati f'ringiela waħda;

— **il-vleġeġ:** għoli: 7 millimetri, spazju bejn vleġġa u oħra: millimetru (1), kuluri:

l-aqwa klassi: X-00-X-00,

it-tieni klassi: 70-00-X-00,

it-tielet klassi: 30-00-X-00,

ir-raba' klassi: 00-00-X-00,

il-ħames klassi: 00-30-X-00,

is-sitt klassi: 00-70-X-00,

l-aħħar klassi: 00-X-X-00;

— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 16-il pt, b'ittri kbar u bl-abjad, is-simboli "+": stampati 'l fuq mill-vers, allinjati f'ringiela waħda.

❼ **Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post:**

— **il-vleġġa:** wisa': 22 millimetru, għoli: 12-il millimetru, 100 % iswed;

— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 24 pt, b'ittri kbar u bl-abjad, is-simboli "+": stampati 'l fuq mill-vers, allinjati f'ringiela waħda.

❽ **Il-livell ta' qawwa tal-ħoss, fuq ġewwa:**

— **pittogramma** kif murija,

— **bordura:** 2 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri,

— **il-valur "YZ":** Calibri tipa grassa 20 pt, 100 % iswed,

— **il-kliem "dB":** Calibri tipa normali 15-il pt, 100 % iswed.

❾ **Il-potenza termika nominali:**

— **bordura:** 2 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri,

— **il-valur "YZ":** Calibri tipa grassa 45 pt, 100 % iswed,

— **il-kliem "kW":** Calibri tipa normali 30 pt, 100 % iswed.

❿ **Il-funzjoni tal-elettriku:**

— **pittogramma** kif murija,

— **bordura:** 2 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri.

⓫ **Is-sena li fiha ddaħħlet it-tikketta u n-numru tar-Regolament:**


— **il-kliem:** Calibri tipa grassa 10 pt.

⓬ **Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu.**

⓭ **L-identifikatur tal-mudell tal-fornitur:**

Isem il-fornitur jew il-marka kummerċjali tiegħu u l-identifikatur tal-mudell għandhom joqogħdu fi spazju ta' 86 bi 12-il millimetru.

7. Id-disinn tat-tikketta għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana għandu jkun dan li ġej:



fejn:

(a) It-tikketta għandha tkun wiesgħa mill-inqas 105 millimetri u għolja mill-inqas 200 millimetru. F'każ li t-tikketta tiġi stampata f'format ikbar, il-kontenut tagħha xorta waħda għandu jibqa' proporzjonat ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

(b) L-isfond għandu jkun abjad.

(c) Il-kuluri għandhom il-kodiċi CMYK – blu jagħti fl-aħdar (“cyan”), maġenta, isfar u iswed – bħal f’dan l-eżempju: 00-70-X-00: 0 % blu jagħti fl-aħdar, 70 % maġenta, 100 % isfar u 0 % iswed.

(d) It-tikketta għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin (in-numri jirreferu għad-disinn t’hawn fuq):

❶ **Il-linja tal-bordura tat-tikketta tal-UE:** 4 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, kantunieri fit-tond: 3.5 millimetri.

❷ **Il-lowgo tal-UE:** Kuluri: X-80-00-00 u 00-00-X-00.

❸ **It-tikketta tal-enerġija:** Kulur: X-00-00-00. Pittogramma kif murija: il-lowgo tal-UE + it-tikketta tal-enerġija: wisa’: 86 millimetru, għoli: 17-il millimetru.

❹ **Il-linja tal-bordura tal-lowgos iż-żgħar:** 1 pt, kulur: blu jagħti fl-aħdar 100 %, tul: 86 millimetru.

❺ **Il-funzjoni tat-tiswin tal-post:**

— **pittogramma** kif murija.

Għall-ħiters tal-post b'bojler u għall-ħiters ikkombinati b'bojler: il-produzzjoni tas-sħana utli				Għall-ħiters tal-post b'bojler u għall-ħiters ikkombinati b'bojler: l-effiċjenza utli			
Fil-potenza termika nominali u reġim ta' temperaturi għoljin (*)	P_4	x,x	kW	Fil-potenza termika nominali u reġim ta' temperaturi għoljin (*)	η_4	x,x	%
Fi 30 % tal-potenza termika nominali u reġim ta' temperaturi baxxi (**)	P_1	x,x	kW	Fi 30 % tal-potenza termika nominali u reġim ta' temperaturi baxxi (**)	η_1	x,x	%
Għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni: il-produzzjoni tas-sħana utli				Għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni: l-effiċjenza utli			
Fil-potenza termika nominali ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni meta l-ħiter supplimentari jkun diżattivat	$P_{CHP100+Sup0}$	x,x	kW	Fil-potenza termika nominali ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni meta l-ħiter supplimentari jkun diżattivat	$\eta_{CHP100+Sup0}$	x,x	%
Fil-potenza termika nominali ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni meta l-ħiter supplimentari jkun attivat	$P_{CHP100+Sup100}$	x,x	kW	Fil-potenza termika nominali ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni meta l-ħiter supplimentari jkun attivat	$\eta_{CHP100+Sup100}$	x,x	%
Għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni: l-effiċjenza elettrika				Ħiter supplimentari			
Fil-potenza termika nominali ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni meta l-ħiter supplimentari jkun diżattivat	$\eta_{el,CHP100+Sup0}$	x,x	%	Potenza termika nominali	*Psup*	x,x	kW
Fil-potenza termika nominali ta' ħiter tal-post b'koġenerazzjoni meta l-ħiter supplimentari jkun attivat	$\eta_{el,CHP100-+Sup100}$	x,x	%	Tip ta' kontribut tal-enerġija			
Il-konsum tal-elettriku awżiljarju				Fatturi oħrajn			
Meta jkun hemm tagħbija sħiħa	*elmax*	x,x	kW	Telf ta' sħana fil-modalità Stennija	P_{stby}	x,x	kW
Meta jkun hemm tagħbija parzjali	*elmin*	x,x	kW	Konsum tal-enerġija tal-berner tat-tqabbid	P_{ign}	x,x	kW
Fil-modalità Stennija	P_{SB}	x,xxx	kW	Konsum annwali tal-enerġija	Q_{HE}	x	kWh or GJ
				Livell ta' qawwa tal-ħoss, fuq ġewwa	L_{WA}	x	dB

Għall-ħiters ikkombinati:

Profil tat-tagħbija ddikjarat				**Effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma**	η_{wh}	x	%
Konsum ta' kuljum tal-elettriku	Q_{elec}	x,xxx	kWh	Konsum ta' kuljum tal-fjuwil	Q_{fuel}	x,xxx	kWh
Konsum annwali tal-elettriku	*AEC*	x	kWh	Konsum annwali tal-fjuwil	*AFC*	x	GJ
Dettalji ta' kuntatt	Isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu.						

(*) Reġim ta' temperaturi għoljin tfisser temperatura ta' ritorn ta' 60 °C fil-post tad-dħul ta' ħiter u temperatura ta' alimentazzjoni ta' 80 °C fil-post tal-ħruġ ta' ħiter.

(**) Temperatura baxxa tfisser temperatura ta' ritorn ta' 30 °C għall-bojlers li jużaw il-kondensazzjoni, ta' 37 °C għall-bojlers b'temperatura baxxa u ta' 50 °C għall-ħiters l-oħra (fil-post tad-dħul ta' ħiter).

Tabella 8

Parametri tekniċi għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana

Mudell(i): [tagħrif li bih jiġi identifikat il-mudell/jiġu identifikati l-mudelli li magħhom huwa relatat dan it-tagħrif]

Pompa tas-sħana arja-ilma: [iva/le]

Pompa tas-sħana ilma-ilma: [iva/le]

Pompa tas-sħana salmura-ilma: [iva/le]

Pompa tas-sħana b'temperatura baxxa: [iva/le]

Mgħammar b'ħiter supplimentari: [iva/le]

Ħiter ikkombinat b'pompa tas-sħana: [iva/le]

Il-parametri għandhom jingħataw għal applikazzjoni b'temperatura medja, ħlief għall-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa. Għall-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa, il-parametri għandhom jingħataw għal applikazzjoni b'temperatura baxxa.

Il-parametri għandhom jingħataw għall-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan.

Fattur	**Simbolu**	**Valur**	**Unità**	**Fattur**	**Simbolu**	**Valur**	**Unità**
Potenza termika nominali (*)	*Prated*	x	kW	**Effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post**	η_s	x	%
Kapaċità tat-tisħin iddikjarata għal tagħbija parzjali b'temperatura ta' ġewwa ta' 20 °C u temperatura ta' barra ta' T_j				Koeffiċjent iddikjarat tal-prestazzjoni jew proporzjon iddikjarat tal-enerġija primarja għal tagħbija parzjali b'temperatura ta' ġewwa ta' 20 °C u temperatura ta' barra ta' T_j			
T_j = – 7 °C	*Pdh*	x,x	kW	T_j = – 7 °C	*COPd* *jew* *PERd*	x,xx jew x,x	– jew %
T_j = + 2 °C	*Pdh*	x,x	kW	T_j = + 2 °C	*COPd* *jew* *PERd*	x,xx jew x,x	– jew%
T_j = + 7 °C	*Pdh*	x,x	kW	T_j = + 7 °C	*COPd* *jew* *PERd*	x,xx jew x,x	– jew%
T_j = + 12 °C	*Pdh*	x,x	kW	T_j = + 12 °C	*COPd* *jew* *PERd*	x,xx jew x,x	– jew%
T_j = temperatura bivalenti	*Pdh*	x,x	kW	T_j = temperatura bivalenti	*COPd* *jew* *PERd*	x,xx jew x,x	– jew%

T_j = temperatura limitu tat-tħaddim	*Pdh*	x,x	kW	T_j = temperatura limitu tat-tħaddim	*COPd jew PERd*	x,xx jew x,x	– jew%
Għall-pompi tas-sħana arja-ilma: T_j = – 15 °C (jekk *TOL* < – 20 °C)	*Pdh*	x,x	kW	Għall-pompi tas-sħana arja-ilma: T_j = – 15 °C (jekk *TOL* < – 20 °C)	*COPd jew PERd*	x,xx jew x,x	– jew%
Temperatura bivalenti	T_{biv}	x	°C	Għall-pompi tas-sħana arja-ilma: Temperatura tal-limitu tat-tħaddim	*TOL*	x	°C
Kapaċità tal-intervall ċikliku għat-tisħin	*Pcych*	x,x	kW	Effiċjenza tal-intervall ċikliku	*COPcyc jew PERcyc*	x,xx jew x,x	– jew%
Koeffiċjent ta' degradazzjoni (**)	*Cdh*	x,x	—	Temperatura limitu tat-tħaddim għall-ilma tat-tisħin	*WTOL*	x	°C
Konsum tal-enerġija fil-modalitajiet minbarra dik attiva				Ħiter supplimentari			
Modalità Mitfi	P_{OFF}	x,xxx	kW	Potenza termika nominali (**)	*Psup*	x,x	kW
Modalità bit-termostat mitfi	P_{TO}	x,xxx	kW				
Modalità Stennija	P_{SB}	x,xxx	kW	Tip ta' kontribut tal-enerġija			
Modalità tal-ħiter tal-kisi tal-krank	P_{CK}	x,xxx	kW				
Fatturi oħrajn							
Kontroll tal-kapaċità	fiss/varjabbli			Għall-pompi tas-sħana arja-ilma: Rata nominali ta' fluss tal-arja fuq barra	—	x	m^3/h
Livell ta' qawwa tal-ħoss, fuq barra/fuq ġewwa	L_{WA}	x / x,x	dB	Għall-pompi tas-sħana ilma-/salmura-ilma: Rata nominali ta' fluss tal-ilma jew tas-salmura, skambjatur tas-sħana li jkun jinsab fuq barra	—	x	m^3/h
Konsum annwali tal-enerġija	Q_{HE}	x	kWh jew GJ				

Għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana:

Profil tat-tagħbija ddikjarat	x			**Effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma**	η_{wh}	x	%
Konsum ta' kuljum tal-elettriku	Q_{elec}	x,xxx	kWh	Konsum ta' kuljum tal-fjuwil	Q_{fuel}	x,xxx	kWh
Konsum annwali tal-elettriku	*AEC*	x	kWh	Konsum annwali tal-fjuwil	*AFC*	x	GJ

Dettalji ta' kuntatt	Isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu.

(*) Għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, il-potenza termika nominali, *Prated*, hija daqs it-tagħbija tad-disinn għat-tisħin, *Pdesignh*, u l-potenza termika nominali ta' ħiter supplimentari, *Psup*, hija daqs il-kapaċità supplimentari tat-tisħin, *sup(Tj)*.

(**) Jekk il-koeffiċjent ta' degradazzjoni, *Cdh*, ma jiġix stabbilit bil-kejl, b'mod awtomatiku jitqies li huwa ta' *Cdh* = 0.9.

3. IR-REGOLATUR TAT-TEMPERATURA

Id-dokumentazzjoni teknika għar-regolatur tat-temperatura msemmija fl-Artikolu 3(3)(b) għandha tinkludi:

(a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;

(b) deskrizzjoni tal-mudell tar-regolatur tat-temperatura li tkun biżżejjed biex dan jiġi identifikat mingħajr ambigwità;

(c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;

(d) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

(e) l-identifikazzjoni u l-firma tal-persuna li jkollha s-setgħa torbot lill-fornitur;

(f) il-parametri tekniċi:

— il-klassi tar-regolatur tat-temperatura;

— il-kontribut tar-regolatur tat-temperatura għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, imqarreb għal ċifra wara l-punt deċimali;

(g) kull prekawzjoni speċifika li għandha tittieħed meta jiġi mmuntat jew jiġi installat ir-regolatur tat-temperatura jew meta ssirlu xi manutenzjoni.

4. L-APPARAT SOLARI

Id-dokumentazzjoni teknika għall-apparat solari msemmija fl-Artikolu 3(4)(b) għandha tinkludi:

(a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;

(b) deskrizzjoni tal-mudell tal-apparat solari li tkun biżżejjed biex dan jiġi identifikat mingħajr ambigwità;

(c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;

(d) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

(e) l-identifikazzjoni u l-firma tal-persuna li jkollha s-setgħa torbot lill-fornitur;

(f) il-parametri tekniċi (għall-pompi fis-sistema ċirkolari tal-kollettur, jekk ikun applikabbli):

— l-erja ta' apertura tal-kollettur, A_{sol}, f'metri kwadri, mogħtija sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali;

— l-effiċjenza tal-kollettur, η_{col}, f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

— il-klassi tal-effiċjenza enerġetika tat-tank tal-misħun solari, stabbilita skont il-punt 3 tal-Anness II;

— it-telf kostanti, *S*, tat-tank tal-misħun solari f'W, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

— il-volum tal-ħżin, *V*, tat-tank tal-misħun solari f'litri u f'metri kubi;

— il-kontribut annwali ta' tisħin li mhux solari, Q_{nonsol}, f'kWh f'termini tal-enerġija primarja għall-elettriku u/jew f'kWh f'termini tal-*GCV* għall-fjuwils, għall-profili tat-tagħbija M, L, XL u XXL f'kundizzjonijiet klimatiċi medji, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

— il-konsum tal-enerġija tal-pompa, *solpump*, f'W, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

— il-konsum tal-enerġija fil-modalità Stennija, *solstandby*, f'W, mogħti sa żewġ ċifri wara l-punt deċimali;

— il-konsum annwali tal-elettriku awżiljarju, Q_{aux}, f'kWh f'termini tal-enerġija finali, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

(g) kull prekawzjoni speċifika li għandha tittieħed meta jiġi mmuntat jew jiġi installat l-apparat solari jew meta ssirlu xi manutenzjoni.

5. PAKKETTI MAGĦMULIN MINN ĦITER TAL-POST, MINN REGOLATUR TAT-TEMPERATURA U MINN APPARAT SOLARI

Id-dokumentazzjoni teknika għall-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari msemmija fl-Artikolu 3(5)(c) għandha tinkludi:

(a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;

(b) deskrizzjoni tal-mudell tal-pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari li tkun biżżejjed biex dan jiġi identifikat mingħajr ambigwità;

(c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;

(d) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

(e) l-identifikazzjoni u l-firma tal-persuna li jkollha s-setgħa torbot lill-fornitur;

(f) il-parametri tekniċi:

— l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

— il-parametri tekniċi mogħtija fil-punti 1, 3 u 4 ta' dan l-Anness;

(g) kull prekawzjoni speċifika li għandha tittieħed meta jiġi mmuntat jew jiġi installat il-pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari jew meta ssirlu xi manutenzjoni.

6. PAKKETTI MAGĦMULIN MINN ĦITER IKKOMBINAT, MINN REGOLATUR TAT-TEMPERATURA U MINN APPARAT SOLARI

Id-dokumentazzjoni teknika għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari msemmija fl-Artikolu 3(6)(c) għandha tinkludi:

(a) isem il-fornitur u l-indirizz tiegħu;

(b) deskrizzjoni tal-mudell tal-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari li tkun biżżejjed biex dan jiġi identifikat mingħajr ambigwità;

(c) fejn ikun xieraq, ir-referenzi tal-istandards armonizzati applikati;

(d) fejn ikun xieraq, l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi l-oħra użati;

(e) l-identifikazzjoni u l-firma tal-persuna li jkollha s-setgħa torbot lill-fornitur;

(f) il-parametri tekniċi:

— l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma f'perċentwali, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

— il-parametri tekniċi mogħtija fil-punti 2, 3 u 4 ta' dan l-Anness;

(g) kull prekawzjoni speċifika li għandha tittieħed meta jiġi mmuntat jew jiġi installat il-pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, jew meta ssirlu xi manutenzjoni.

ANNESS VI

It-tagħrif li għandu jingħata f'każijiet fejn l-utent aħħari ma jistax jiġi mistenni jara l-prodott għall-wiri

1. IL-ĦITERS TAL-POST

1.1. It-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:

(a) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-mudell, stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II;

(b) il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ (għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji);

(c) l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulata skont il-punti 3 u 4 tal-Anness VII (għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji);

(d) il-konsum annwali tal-enerġija f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punti 3 u 4 tal-Anness VII (għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji);

(e) il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ (għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana, jekk dan ikun japplika);

barra minn hekk, għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni:

(f) l-effiċjenza elettrika f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

barra minn hekk, għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana:

(g) il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

(h) l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulata skont il-punt 4 tal-Anness VII;

(i) il-konsum annwali tal-enerġija f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 4 tal-Anness VII;

(j) il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq barra, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ;

barra minn hekk, għall-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa:

(k) indikazzjoni li l-pompa tas-sħana b'temperatura baxxa hija adattata biss għall-applikazzjoni b'temperatura baxxa.

1.2. It-tagħrif imsemmi fil-punt 1.1 għandu jkun stampat jew muri b'daqs u tipa li jkunu leġġibbli.

2. IL-ĦITERS IKKOMBINATI

2.1. It-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:

(a) għat-tisħin tal-post, l-applikazzjoni b'temperatura medja; u għat-tisħin tal-ilma, il-profil tat-tagħbija ddikjarat, muri permezz tal-ittra x-xierqa u tal-użu tipiku skont it-Tabella 15 tal-Anness VII;

(b) il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-mudell, stabbiliti skont il-punti 1 u 2 tal-Anness II;

(c) il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ (għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji);

(d) għat-tisħin tal-post, il-konsum annwali tal-enerġija f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punti 3 u 4 tal-Anness VII (għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji); u għat-tisħin tal-ilma, il-konsum annwali tal-elettriku f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew il-konsum annwali tal-fjuwil f'GJ f'termini tal-*GCV*, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 5 tal-Anness VII (għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji);

(e) l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulata skont il-punti 3 u 4 tal-Anness VII (għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji); u l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulata skont il-punt 5 tal-Anness VII (għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana f'kundizzjonijiet klimatiċi medji);

(f) il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq ġewwa, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ (għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, jekk dan ikun japplika);

(g) indikazzjoni, jekk tkun tapplika, li l-ħiter ikkombinat ikun kapaċi jaħdem biss fis-sigħat kwieti;

barra minn hekk, għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana:

(h) il-potenza termika nominali f'kW, inkluża l-potenza termika nominali ta' kwalunkwe ħiter supplimentari, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

(i) għat-tisħin tal-post, il-konsum annwali tal-enerġija f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 4 tal-Anness VII; u għat-tisħin tal-ilma, il-konsum annwali tal-elettriku f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew il-konsum annwali tal-fjuwil f'GJ f'termini tal-*GCV*, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulat skont il-punt 5 tal-Anness VII;

(j) l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulata skont il-punt 4 tal-Anness VII; u l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma f'perċentwali, f'kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ u isħan, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ u kkalkulata skont il-punt 5 tal-Anness VII;

(k) il-livell ta' qawwa tal-ħoss L_{WA}, fuq barra, f'dB, imqarreb għall-eqreb numru sħiħ.

2.2. It-tagħrif imsemmi fil-punt 2.1 għandu jkun stampat jew muri b'daqs u tipa li jkunu leġġibbli.

3. PAKKETTI MAGĦMULIN MINN ĦITER TAL-POST, MINN REGOLATUR TAT-TEMPERATURA U MINN APPARAT SOLARI

3.1. It-tagħrif mogħti fl-Artikolu 4(3)(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:

(a) Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post tal-mudell, stabbilita skont il-punt 1 tal-Anness II;

(b) l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

(c) l-elementi mogħtija fil-Figura 1, fil-Figura 2, fil-Figura 3 u fil-Figura 4, rispettivament, tal-Anness IV;

3.2. It-tagħrif imsemmi fil-punt 3.1 għandu jkun stampat jew muri b'daqs u tipa li jkunu leġġibbli.

4. PAKKETTI MAGĦMULIN MINN ĦITER IKKOMBINAT, MINN REGOLATUR TAT-TEMPERATURA U MINN APPARAT SOLARI.

4.1. It-tagħrif mogħti fl-Artikolu 4(4)(b) għandu jingħata fl-ordni li ġejja:

(a) Il-klassi tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-klassi tal-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma tal-mudell, stabbilita skont il-punti 1 u 2 tal-Anness II;

(b) l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-effiċjenza enerġetika għat-tisħin tal-ilma f'perċentwali, imqarrba għall-eqreb numru sħiħ;

(c) l-elementi mogħtija fil-Figura 1 u fil-Figura 3, rispettivament, tal-Anness IV;

(d) l-elementi mogħtija fil-Figura 5, tal-Anness IV;

4.2. It-tagħrif imsemmi fil-punt 4.1 għandu jkun stampat jew muri b'daqs u tipa li jkunu leġġibbli.

ANNESS VII

Kejl u kalkoli

1. Għall-għanijiet tal-konformità u tal-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru billi jintużaw standards armonizzati li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati għal dan il-għan f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew billi jintużaw metodi oħrajn li jkunu affidabbli, preċiżi u riproduċibbli, li jqisu l-metodi l-aktar avvanzati ġeneralment irrikonoxxuti. Dawn għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet u l-parametri tekniċi stipulati fil-punti 2 sa 6.

2. **Kundizzjonijiet ġenerali għall-kejl u l-kalkoli**

(a) Għall-għanijiet tal-kejl mogħti fil-punti 3 sa 7, it-temperatura ambjentali ta' ġewwa għandha tkun ta' 20 °C.

(b) Għall-għanijiet tal-kalkoli mogħtija fil-punti 3 sa 7, il-konsum tal-elettriku għandu jiġi mmultiplikat b'koeffiċjent ta' konverżjoni, *CC*, ta' 2.5, sakemm il-konsum annwali tal-elettriku ma jingħatax f'termini tal-enerġija finali għall-utent aħħari, kif stabbilit fil-punti 3(b), 4(g), 5(e) u 6.

(c) Għall-ħiters li jkunu mgħammra b'ħiters supplimentari, il-kejl u l-kalkolu tal-potenza termika nominali, tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, tal-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma, tal-livell ta' qawwa tal-ħoss u tal-emissjonijiet tal-ossidi tan-nitroġenu għandhom iqisu l-ħiter supplimentari.

(d) Il-valuri ddikjarati għall-potenza termika nominali, għall-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, għall-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma, għall-konsum annwali tal-enerġija u għal-livell ta' qawwa tal-ħoss għandhom jitqarrbu għall-eqreb numru sħiħ.

3. **L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-konsum tal-ħiters tal-post b'bojler, tal-ħiters ikkombinati b'bojler u tal-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni**

(a) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s, għandha tiġi kkalkulata bħala l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post fil-modalità attiva, η_{son}, ikkoreġuta b'fatturi li jqisu r-regolatur tat-temperatura, il-konsum tal-elettriku awżiljarju, it-telf ta' sħana fil-modalità Stennija, il-konsum tal-enerġija tal-berner tat-tqabbid (jekk dan ikun japplika) u, għall-ħiters tal-post b'koġenerazzjoni, ikkoreġuta billi tiżdied l-effiċjenza elettrika mmultiplikata b'koeffiċjent ta' konverżjoni, *CC*, ta' 2.5.

(b) Il-konsum annwali tal-enerġija, Q_{HE}, f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*, għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon tad-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin meta mqabbla mal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post.

4. **L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post u l-konsum tal-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u tal-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana**

(a) Sabiex jiġu stabbiliti l-koeffiċjent nominali tal-prestazzjoni, COP_{rated}, jew il-proporzjon nominali tal-enerġija primarja, PER_{rated}, jew il-livell ta' qawwa tal-ħoss, il-kundizzjonijiet operattivi għandhom ikunu l-kundizzjonijiet nominali standard mogħtija fit-Tabella 9 u għandha tintuża l-istess kapaċità tat-tisħin iddikjarata.

(b) Il-koeffiċjent tal-prestazzjoni fil-modalità attiva, $SCOP_{on}$, għall-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan, għandu jiġi kkalkulat abbażi tat-tagħbija parzjali għat-tisħin, $Ph(T_j)$, tal-kapaċità supplimentari tat-tisħin, $sup(T_j)$ (jekk din tkun tapplika), u tal-koeffiċjent tal-prestazzjoni speċifikat għall-intervall ta' temperaturi, $COPbin(Tj)$, jew tal-proporzjon tal-enerġija primarja speċifikat għall-intervall ta' temperaturi, $PERbin(T_j)$, ippeżati bis-sigħat tal-intervall ta' temperaturi li għalihom japplikaw il-kundizzjonijiet tal-intervall ta' temperaturi, billi jintużaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— il-kundizzjonijiet ta' referenza tad-disinn mogħtija fit-Tabella 10;

— l-istaġun tat-tisħin ta' referenza għall-Ewropa fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan mogħti fit-Tabella 12;

— jekk ikun applikabbli, l-effetti ta' kwalunkwe degradazzjoni tal-effiċjenza enerġetika kkawżata miċ-ċikli, skont it-tip ta' kontroll tal-kapaċità tat-tisħin.

(c) Id-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin, Q_H, għandha tkun it-tagħbija tad-disinn għat-tisħin, *Pdesignh*, għall-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan, immultiplikata bis-sigħat annwali ekwivalenti fil-modalità attiva, H_{HE}, jiġifieri b'2 066, 2 465 u 1 336 siegħa għall-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan rispettivament.

(d) Il-konsum annwali tal-enerġija, Q_{HE}, għandu jiġi kkalkulat billi jingħaddu flimkien:

— il-proporzjon tad-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin, Q_H, meta mqabbla mal-koeffiċjent tal-prestazzjoni fil-modalità attiva, $SCOP_{on}$, jew mal-proporzjon tal-enerġija primarja fil-modalità attiva, $SPER_{on}$, u

— il-konsum tal-enerġija fil-modalità Mitfi, il-modalità bit-termostat mitfi, il-modalità Stennija u l-modalità tal-ħiter tal-kisi tal-krank matul l-istaġun tat-tisħin.

(e) Il-koeffiċjent staġonali tal-prestazzjoni, *SCOP*, jew il-proporzjon staġonali tal-enerġija primarja, *SPER*, għandhom jiġu kkalkulati bħala l-proporzjon tad-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin, Q_H, meta mqabbla mal-konsum annwali tal-enerġija, Q_{HE}.

(f) L-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s, għandha tiġi kkalkulata bħala l-koeffiċjent staġonali tal-prestazzjoni, *SCOP*, diviż bil-koeffiċjent ta' konverżjoni, *CC*, jew bħala l-proporzjon staġonali tal-enerġija primarja, *SPER*, ikkoreġut b'fatturi li jqisu r-regolatur tat-temperatura, u, għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana ilma-/salmura-ilma u għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, il-konsum tal-elettriku ta' pompa waħda tal-ilma ta' taħt l-art jew iktar.

(g) Il-konsum annwali tal-enerġija, Q_{HE}, f'kWh f'termini tal-enerġija finali u/jew f'GJ f'termini tal-*GCV*, għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon tad-domanda annwali ta' referenza għat-tisħin, Q_H, meta mqabbla mal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s.

5. **L-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma tal-ħiters ikkombinati**

L-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma, η_{wh}, ta' ħiter ikkombinat għandha tiġi kkalkulata bħala l-proporzjon tal-enerġija ta' referenza, Q_{ref}, meta mqabbla mal-enerġija meħtieġa għall-produzzjoni ta' dik l-enerġija, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kejl għandu jsir billi jintużaw il-profili tat-tagħbija mogħtija fit-Tabella 15;

(b) il-kejl għandu jittieħed billi jintuża ċiklu tal-kejl ta' 24 siegħa, imqassam kif ġej:

— min-00:00 sas-06:59: l-ebda estrazzjoni mill-ilma;

— mis-07:00: estrazzjoni mill-ilma skont il-profil tat-tagħbija ddikjarat;

— minn tmiem l-aħħar estrazzjoni mill-ilma sa 24:00: l-ebda estrazzjoni mill-ilma;

(c) il-profil tat-tagħbija ddikjarat għandu jkun il-profil massimu tat-tagħbija jew il-profil tat-tagħbija li jkun jinsab eżatt wara dak massimu;

(d) għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, japplikaw ukoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— il-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana għandhom jiġu ttestjati bil-kundizzjonijiet mogħtija fit-Tabella 9;

— il-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana li jużaw l-arja tal-egżost tal-ventilazzjoni bħala s-sors tas-sħana għandhom jiġu ttestjati bil-kundizzjonijiet mogħtija fit-Tabella 11;

(e) il-konsum annwali tal-elettriku, *AEC*, f'kWh f'termini tal-enerġija finali, għandu jiġi kkalkulat bħala l-konsum ta' kuljum tal-elettriku, Q_{elec}, f'kWh f'termini tal-enerġija finali, immultiplikat b'220;

(f) il-konsum annwali tal-fjuwil, *AFC*, f'GJ f'termini tal-*GCV*, għandu jiġi kkalkulat bħala l-konsum ta' kuljum tal-fjuwil, Q_{fuel}, immultiplikat b'220.

6. **Kundizzjonijiet għall-kejl u l-kalkoli għall-apparat solari**

Il-kollettur solari, it-tank tal-miżħun solari u l-pompa fis-sistema ċirkolari tal-kollettur (jekk tkun tapplika) għandhom jiġu ttestjati b'mod separat. F'każ li l-kollettur solari u t-tank tal-miżħun solari ma jkunux jistgħu jiġu ttestjati b'mod separat, dawn għandhom jiġu ttestjati flimkien.

Ir-riżultati għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit it-telf kostanti, *S*, u biex jiġu kkalkulati l-effiċjenza tal-kollettur, η_{col}, il-kontribut annwali ta' tisħin li mhux solari, Q_{nonsol}, għall-profili tat-tagħbija M, L, XL u XXL fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji mogħtija fit-Tabelli 13 u 14, u l-konsum annwali tal-elettriku awżiljarju, Q_{aux}, f'kWh f'termini tal-enerġija finali.

Tabella 9

Il-kundizzjonijiet nominali standard għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana

Sors tas-sħana	Skambjatur tas-sħana li jkun jinsab fuq barra		Skambjatur tas-sħana li jkun jinsab fuq ġewwa			
	Kundizzjonijiet klimatiċi	Temperatura tad-dħul b'termometru niexef (jew b'termometru umdu)	Ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, minbarra l-pompi tas-sħana b'temperatura baxxa		Pompi tas-sħana b'temperatura baxxa	
			Temperatura tad-dħul	Temperatura tal-ħruġ	Temperatura tad-dħul	Temperatura tal-ħruġ
L-arja ta' barra	Kundizzjonijiet klimatiċi medji	+ 7 °C (+ 6 °C)	+ 47 °C	+ 55 °C	+ 30 °C	+ 35 °C
	Kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ	+ 2 °C (+ 1 °C)				
	Kundizzjonijiet klimatiċi isħan	+ 14 °C (+ 13 °C)				
L-arja tal-egżost	Il-kundizzjonijiet klimatiċi kollha	+ 20 °C (+ 12 °C)				
		Temperatura tad-dħul/tal-ħruġ				
Ilma	Il-kundizzjonijiet klimatiċi kollha	+ 10 °C / + 7 °C				
Salmura	Il-kundizzjonijiet klimatiċi kollha	0 °C/- 3 °C				

Tabella 10

Il-kundizzjonijiet ta' referenza tad-disinn għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana, b'temperaturi tal-arja b'termometru niexef (it-temperaturi tal-arja b'termometru umdu huma mogħtija fil-parenteżi)

Kundizzjonijiet klimatiċi	Temperatura ta' referenza tad-disinn	Temperatura bivalenti	Temperatura tal-limitu tat-tħaddim
	Tdesignh	T_{biv}	*TOL*
Kundizzjonijiet klimatiċi medji	– 10 °C (– 11 °C)	massimu ta' + 2 °C	massimu ta' – 7 °C
Kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ	– 22 °C (– 23 °C)	massimu ta' – 7 °C	massimu ta' – 15 °C
Kundizzjonijiet klimatiċi isħan	+ 2 °C (+ 1 °C)	massimu ta' + 7 °C	massimu ta' + 2 °C

Tabella 11

L-ammont massimu disponibbli ta' arja tal-egżost tal-ventilazzjoni [f'metri kubi għal kull sieħa, m^3/h], b'umdità ta' 5.5 grammi għal kull metru kubu

Profil tat-tagħbija ddikjarat	XXS	XS	S	M	L	XL	XXL
L-ammont massimu disponibbli ta' arja tal-egżost tal-ventilazzjoni	109	128	128	159	190	870	1 021

Tabella 12

L-istaġun tat-tisħin ta' referenza għall-Ewropa fil-kundizzjonijiet klimatiċi medji u iksaħ u isħan għall-ħiters tal-post b'pompa tas-sħana u għall-ħiters ikkombinati b'pompa tas-sħana

bin_j	T_j [fi °C]	Kundizzjonijiet klimatiċi medji	Kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ	Kundizzjonijiet klimatiċi isħan
		H_j [f'siegħat fis-sena]	H_j [f'siegħat fis-sena]	H_j [f'siegħat fis-sena]
1 sa 8	– 30 sa – 23	0	0	0
9	– 22	0	1	0

bin_j	T_j [fi °C]	Kundizzjonijiet klimatiċi medji	Kundizzjonijiet klimatiċi iksaħ	Kundizzjonijiet klimatiċi isħan
		H_j [f'sigħat fis-sena]	H_j [f'sigħat fis-sena]	H_j [f'sigħat fis-sena]
10	– 21	0	6	0
11	– 20	0	13	0
12	– 19	0	17	0
13	– 18	0	19	0
14	– 17	0	26	0
15	– 16	0	39	0
16	– 15	0	41	0
17	– 14	0	35	0
18	– 13	0	52	0
19	– 12	0	37	0
20	– 11	0	41	0
21	– 10	1	43	0
22	– 9	25	54	0
23	– 8	23	90	0
24	– 7	24	125	0
25	– 6	27	169	0
26	– 5	68	195	0
27	– 4	91	278	0
28	– 3	89	306	0
29	– 2	165	454	0
30	– 1	173	385	0
31	0	240	490	0
32	1	280	533	0
33	2	320	380	3
34	3	357	228	22
35	4	356	261	63
36	5	303	279	63
37	6	330	229	175
38	7	326	269	162
39	8	348	233	259
40	9	335	230	360
41	10	315	243	428
42	11	215	191	430
43	12	169	146	503
44	13	151	150	444
45	14	105	97	384
46	15	74	61	294
	Sigħat totali:	4 910	6 446	3 590

Tabella 13

Temperatura medja ta' binhar [fi gradi Celsius]

	Jannar	Frar	Marzu	April	Mejju	Ġunju	Lulju	Awwissu	Settembru	Ottubru	Novembru	Diċembru
Kundizzjonijiet klimatiċi medji	+ 2,8	+ 2,6	+ 7,4	+ 12,2	+ 16,3	+ 19,8	+ 21,0	+ 22,0	+ 17,0	+ 11,9	+ 5,6	+ 3,2

Tabella 14

Valur medju tal-irradjanza solari globali [f'W għal kull metru kwadru]

	Jannar	Frar	Marzu	April	Mejju	Ġunju	Lulju	Awwissu	Settembru	Ottubru	Novembru	Diċembru
Kundizzjonijiet klimatiċi medji	70	104	149	192	221	222	232	217	176	129	80	56

Tabella 15

Il-profili tat-tagħbija tat-tisħin tal-ilma tal-ħiters ikkombinati

ħin	3XS			XXS			XS			S			
	Q_{tap}	f	T_m	Q_{tap}	f	T_m	Q_{tap}	f	T_m	Q_{tap}	f	T_m	T_p
	kWh	l/min	°C	**kWh**	l/min	°C	**kWh**	l/min	°C	**kWh**	l/min	°C	°C
07:00	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25				**0,105**	3	25	
07:05	**0,015**	2	25										
07:15	**0,015**	2	25										
07:26	**0,015**	2	25										
07:30	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25	**0,525**	3	35	**0,105**	3	25	
07:45													
08:01													
08:05													
08:15													
08:25													
08:30				**0,105**	2	25				**0,105**	3	25	
08:45													
09:00	**0,015**	2	25										
09:30	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25				**0,105**	3	25	
10:00													
10:30													
11:00													
11:30	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25				**0,105**	3	25	
11:45	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25				**0,105**	3	25	
12:00	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
12:30	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
12:45	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25	**0,525**	3	35	**0,315**	4	10	55
14:30	**0,015**	2	25										
15:00	**0,015**	2	25										
15:30	**0,015**	2	25										
16:00	**0,015**	2	25										
16:30													
17:00													
18:00				**0,105**	2	25				**0,105**	3	25	

ħin	3XS			XXS			XS			S			
	Q_{tap}	f	T_m	Q_{tap}	f	T_m	Q_{tap}	f	T_m	Q_{tap}	f	T_m	T_p
	kWh	l/min	°C	**kWh**	l/min	°C	**kWh**	l/min	°C	**kWh**	l/min	°C	°C
18:15				**0,105**	2	25				**0,105**	3	40	
18:30	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
19:00	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
19:30	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
20:00				**0,105**	2	25							
20:30							**1,05**	3	35	**0,42**	4	10	55
20:45				**0,105**	2	25							
20:46													
21:00				**0,105**	2	25							
21:15	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
21:30	**0,015**	2	25							**0,525**	5	45	
21:35	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
21:45	**0,015**	2	25	**0,105**	2	25							
Q_{ref}	**0,345**			**2,100**			**2,100**			**2,100**			

Tkomplija tat-Tabella 15

Il-profili tat-tagħbija tat-tiswin tal-ilma tal-ħiters ikkombinati

ħin	M				L				XL			
	Q_{tap}	f	T_m	T_p	Q_{tap}	f	T_m	T_p	Q_{tap}	f	T_m	T_p
	kWh	l/min	°C	°C	**kWh**	l/min	°C	°C	**kWh**	l/min	°C	°C
07:00	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
07:05	**1,4**	6	40		**1,4**	6	40					
07:15									**1,82**	6	40	
07:26									**0,105**	3	25	
07:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25					
07:45					**0,105**	3	25		**4,42**	10	10	40
08:01	**0,105**	3	25						**0,105**	3	25	
08:05					**3,605**	10	10	40				
08:15	**0,105**	3	25						**0,105**	3	25	
08:25					**0,105**	3	25					
08:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
08:45	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	

ħin	M				L				XL			
	Q_{tap}	f	T_m	T_p	Q_{tap}	f	T_m	T_p	Q_{tap}	f	T_m	T_p
	kWh	l/min	°C	°C	**kWh**	l/min	°C	°C	**kWh**	l/min	°C	°C
09:00	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
09:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
10:00									**0,105**	3	25	
10:30	**0,105**	3	10	40	**0,105**	3	10	40	**0,105**	3	10	40
11:00									**0,105**	3	25	
11:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
11:45	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
12:00												
12:30												
12:45	**0,315**	4	10	55	**0,315**	4	10	55	**0,735**	4	10	55
14:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
15:00									**0,105**	3	25	
15:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
16:00									**0,105**	3	25	
16:30	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
17:00									**0,105**	3	25	
18:00	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
18:15	**0,105**	3	40		**0,105**	3	40		**0,105**	3	40	
18:30	**0,105**	3	40		**0,105**	3	40		**0,105**	3	40	
19:00	**0,105**	3	25		**0,105**	3	25		**0,105**	3	25	
19:30												
20:00												
20:30	**0,735**	4	10	55	**0,735**	4	10	55	**0,735**	4	10	55
20:45												
20:46									**4,42**	10	10	40
21:00					**3,605**	10	10	40				
21:15	**0,105**	3	25						**0,105**	3	25	
21:30	**1,4**	6	40		**0,105**	3	25		**4,42**	10	10	40
21:35												
21:45												
Q_{ref}	**5,845**				**11,655**				**19,07**			

Tkomplija tat-Tabella 15

Il-profili tat-tagħbija tat-tiswin tal-ilma tal-ħiters ikkombinati

h	XXL			
	Q_{tap}	f	T_m	T_p
	kWh	l/min	°C	°C
07:00	**0,105**	3	25	
07:05				
07:15	**1,82**	6	40	
07:26	**0,105**	3	25	
07:30				
07:45	**6,24**	16	10	40
08:01	**0,105**	3	25	
08:05				
08:15	**0,105**	3	25	
08:25				
08:30	**0,105**	3	25	
08:45	**0,105**	3	25	
09:00	**0,105**	3	25	
09:30	**0,105**	3	25	
10:00	**0,105**	3	25	
10:30	**0,105**	3	10	40
11:00	**0,105**	3	25	
11:30	**0,105**	3	25	
11:45	**0,105**	3	25	
12:00				
12:30				
12:45	**0,735**	4	10	55
14:30	**0,105**	3	25	
15:00	**0,105**	3	25	
15:30	**0,105**	3	25	
16:00	**0,105**	3	25	
16:30	**0,105**	3	25	
17:00	**0,105**	3	25	
18:00	**0,105**	3	25	
18:15	**0,105**	3	40	
18:30	**0,105**	3	40	

h	XXL			
	Q_{tap}	f	T_m	T_p
	kWh	l/min	°C	°C
19:00	**0,105**	3	25	
19:30				
20:00				
20:30	**0,735**	4	10	55
20:45				
20:46	**6,24**	16	10	40
21:00				
21:15	**0,105**	3	25	
21:30	**6,24**	16	10	40
21:35				
21:45				
Q_{ref}	24,53			

ANNESS VIII

Proċedura ta' verifika għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq

Għall-għanijiet tal-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom japplikaw il-proċedura ta' verifika li ġejja:

1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jittestjaw apparat wieħed għal kull mudell ta' ħiter, ta' regolatur tat-temperatura, ta' apparat solari, ta' pakkett magħmul minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, u ta' pakkett magħmul minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, u għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar ir-riżultati tat-testijiet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra.

2. Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk:

   (a) għall-ħiters, għall-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, u għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, l-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s, ma tkunx iktar minn 8 % inqas mill-valur iddikjarat fil-potenza termika nominali tal-apparat;

   (b) għall-ħiters ikkombinati, u għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, l-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma, η_{wh}, ma tkunx iktar minn 8 % inqas mill-valur iddikjarat fil-potenza termika nominali tal-apparat;

   (c) għall-ħiters, il-livell ta' qawwa tal-ħoss, L_{WA}, ma jkunx ogħla mill-valur iddikjarat tal-unità b'iktar minn 2 dB;

   (d) għar-regolatur tat-temperatura, il-klassi ta' dan l-apparat tkun konformi mal-klassi ddikjarata tal-unità;

   (e) għall-apparat solari, l-effiċjenza tal-kollettur, η_{col}, ma tkunx iktar minn 5 % inqas mill-valur iddikjarat tal-unità;

   (f) għall-apparat solari, it-telf kostanti, *S*, tat-tank tal-misħun solari ma jkunx jaqbeż il-valur iddikjarat tal-unità b'iktar minn 5 %; u

   (g) għall-apparat solari, il-konsum tal-elettriku awżiljarju, Q_{aux}, ma jkunx jaqbeż il-valur iddikjarat tal-unità b'iktar minn 5 %; u

3. Jekk ma jinkisibx ir-riżultat imsemmi fil-punt 2, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jagħżlu tliet apparati oħra tal-istess mudell b'mod aleatorju biex dawn jiġu ttestjati u għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar ir-riżultati tat-testijiet lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien xahar minn mindu jsiru t-testijiet.

4. Il-mudell għandu jitqies li jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli jekk:

   (a) għall-ħiters, għall-pakketti magħmulin minn ħiter tal-post, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, u għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, il-valur medju tal-effiċjenza enerġetika staġonali tat-tisħin tal-post, η_s, tat-tliet apparati ma jkunx iktar minn 8 % inqas mill-valur iddikjarat fil-potenza termika nominali tal-apparat;

   (b) għall-ħiters ikkombinati, u għall-pakketti magħmulin minn ħiter ikkombinat, minn regolatur tat-temperatura u minn apparat solari, il-valur medju tal-effiċjenza enerġetika tat-tisħin tal-ilma, η_{wh}, tat-tliet apparati ma jkunx iktar minn 8 % inqas mill-valur iddikjarat fil-potenza termika nominali tal-apparat;

   (c) għall-ħiters, il-valur medju tal-livell ta' qawwa tal-ħoss, L_{WA}, tat-tliet apparati ma jkunx jaqbeż il-valur iddikjarat tal-unità b'iktar minn 2 dB;

   (d) għar-regolatur tat-temperatura, il-klassi tar-regolatur tat-temperatura tat-tliet apparati tkun konformi mal-klassi ddikjarata tal-unità;

   (e) għall-apparat solari, il-valur medju tal-effiċjenza tal-kollettur, η_{col}, tat-tliet apparati ma jkunx iktar minn 5 % inqas mill-valur iddikjarat tal-unità;

   (f) għall-apparat solari, il-valur medju tat-telf kostanti, *S*, tat-tank tal-misħun solari tat-tliet apparati ma jkunx jaqbeż il-valur iddikjarat tal-unità b'iktar minn 5 %; u

   (g) għall-apparat solari, il-valur medju tal-konsum tal-elettriku awżiljarju, Q_{aux}, tat-tliet apparati ma jkunx jaqbeż il-valur iddikjarat tal-unità b'iktar minn 5 %.

5. Jekk ma jinkisbux ir-riżultati msemmija fil-punt 4, il-mudell għandu jitqies li mhuwiex konformi ma' dan ir-Regolament.

   L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jużaw il-metodi tal-kejl u tal-kalkolu mogħtija fl-Anness VII.